Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 322/2013**

Il-Pulizija

vs

**George Xuereb**

Illum, 20 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant George Xuereb iben Joseph, imwieled Pieta', fil-5 ta' Marzu, 1965, detentur tal-karta tal-identita' numru 142365(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fil-20 ta' Marzu, 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda u cioe talli:

1. F' H' Attard u f' diversi lokalitajiet f' dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tezegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra persuna ohra jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh b' liema theddid wasal bil-hsieb tieghu, u cioe' ha ammonti ta' flus li jaccedu l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) minghand diversi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 250(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, bil-mezz ta' karta miktuba, hedded lil haddiehor b' xi delitt, u ta ordni jew kundizzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 249(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok, u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) bi hsara ta' diversi persuni;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5. U aktar talli fl-20 ta' Marzu, 2001, f' H' Attard b' obdix l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

6. U finalment talli sar rediciv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Gunju, 2013 fejn il-Qorti sabet htija tar-reati kollha addebitati lilu taht l-Artikolu 18, 250(1)(2), 249(2)(3), 308, 310, 338, 49 u 50 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali tal-imputat, rat ukoll l-Artikolu 17 u l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 383, 384, u 385 tal-imsemmi

Kapitolu, u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' hames (5) snin, u ghal multa ta' €1,000, u dan considerando l-ammont ta' flus estorti.

Rabtet wkoll bl-obbligazzjoni tieghu nnifssu versu l-ammont ta' €2,329, illi ghal zmien tnax (12)-il xahar mill-lum, ma jivvessax, javvicina, jew idejjaq lil Carmel Agius, Mario Axiaq, Vincent Borg, Pawlu Buttigieg, Nicholas Zarb, Maria Mallia, Josette Ben Millend, u Doris Scerri, u dan *ai termini* tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illiberatu mill-effetti tar-reati kkontemplati fl-Artikolu 249(1) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-ragunijiet gia' premessi.

Rat ir-rikors tal-appellant George Xuereb minnu pprezentat fil-5 ta' Lulju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet <u>Pulizijia (Spettur Angelo Caruana) vs George Xuereb</u> tas-26 ta' Gunju 2013 fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-appellant mhux hati tar-reat fit-tieni akkuza taht Artikolu 249(1) u ta' ricettazzjoni skond ir-raba' akkuza u lliberatu minn tali akkuzi; izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati tal-akkuzi l-ohra kollha, u kkundannatu ghal hames snin prigunerija, elf Euro Multa u obbligazzjoni tieghu innifsu, u dan billi tilliberah minn dawn l-akkuzi ukoll.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-mertu. Huwa veru li bhala regola l-prostituti jkunu vittmi, imma hafna drabi jkunu vittmi ta' persuni li jkunu jhobbu, u jkunu lesti jaghmlu minn kollox biex l-"aggressur" taghhom ma jidholx f' inkwiet. Bhala prostituta, Josette Ben Milend kienet "protetta" mill-boyfriend taghha Jesmond Farrugia. L-imputat hassu skomdu jixhed dwar dan, ghax kien qed jibza' mill-konsegwenzi; l-imsemmija Caroline Magri, prostituta ohra li ma kellhiex protezzjoni li izda spiss kienet tmur ghall-prostituzzjoni ma' Josette, qalet lill-esponent li Josette qaltilha li l-flus li kienet tigbor mill-prostituzzjoni u mir-rikatti kienet ittihom lil Jesmond Farrugia u lil

nies ohra li kienu jsawtuha. Sussegwentement l-esponent iddecieda li ried itella' lil Jesmond Farrugia u lil Caroline Magri dwar din l-informazzjoni. Il-prosekuzzjoni kaxkret saqajha ghal snin shah u lil dawn it-tnejn baqghet ma tellghethom qatt. L-esponent kellem lis-supretendent Carmelo Bartolo u infurmah ghalxiex ried li jitilghu dawn it-tnejn, u talbu u awtorizzah jinvestigahom. Is-supretendent Bartolo, li allura ma rnexxilux itella' lil dawn it-tnejn jixhdu, kellimhom privatament u gie jirrapporta lill-Qorti li Magri cahdet li Josette qaltilha li l-flus kien qed jehodhom kollha Jesmond Farrugia; dwar Jesmond Farrugia jghid li dan ammetta li kien il-boyfriend ta' Josette imma qal li kien qed jiggieled maghha ghaliex ma ridhiex tibqa' fil-prostituzzjoni. B' dawn iz-zewg xhieda ma jitilghux ghall-iskrutinju tal-Qorti, id-difiza tal-esponent tidher fjakka, imma jekk wiehed jiddipartixxi minn dak li dejjem ghazlet li temmen il-prosekuzzjoni (li Ben Milend u Xerri verament kienu mgieghela minn Xuereb) u jhares lejn il-kaz b' lenti kompetament oggettiva, isib li Josette u Doris huma giddibin u ghamlu gwadann fil-kawza taghhom a skapitu ta' l-esponent.

a) Ix-xhieda.

L-ispettur **Angelo Caruana** jidher li adotta l-istorja ta' Josette Ben Milend mill-bidu sa l-ahhar, u forsi dan wassal ukoll biex l-Ewwel Qorti taccetta l-verzjoni ta' Josette u Doris, u tikkonsidra l-verzjoni ta' Xuereb bhala "dghajfa". **Mhux spjegabbli** kif l-ispettur Caruana jghid li l-kaz beda b' rapport minn Nicholas Zarb mill-ghassa tal-Gzira mentri Zarb jghid li rrapporta l-ghassa tal-Belt, u dan zmien ferm qasir wara l-allegat incident. **Mhux spjegabbli** kif l-ispettur Camilleri li ghadda l-kaz lill-ispettur Caruana ma ttellax jixhed mill-prosekuzzjoni, mentri spetturi ohra ttellghu. **Anqas mhu spjegabbli** kif l-ispettur ma kompliex jinvestiga l-ilment ta' Nicholas Zarb, u accetta li jibda jinvestiga "kaz gdid" li gabitlu Josette Ben Milend stess. Mela l-ispettur Caruana flok ftihem ma' Nicholas Zarb biex jinqabad George Xuereb, ftihem ma' Josette Ben Milend biex din iggiblu "vittma" hi tal-ghazla taghha! **Huwa ferm inspjegabbli** wkoll kif l-ispettur Caruana jghid li fl-20 ta' Marzu 2001 mar hdejn l-isptar Santa Caterina (fejn kellu jinqabad ir-rikatt) armat b' camera, u li dak li gie

registrat b' din il-camera ma ngiebx il-Qorti. Huwa **estremament inspjegabbli** ukoll kif l-ispettur Caruana ressaq lil Josette Ben Milend u Dolores Xerri fil-Qorti inkiss inkiss u malajr malajr, dawn ammettew, u imbaghad fil-proceduri odjerni l-Qorti ma giet infurmata xejn b' dan; anzi din il-Qorti inghatat x' tifhem li Josette Ben Milend xhedet kontra l-esponent meta l-kaz taghha kien ghadu ma nstemax!! Anke wara li l-esponent ghazel li jixhed, in kontroezami l-prozekuzzjoni staqsietu kif Ben Milend ghazlet li tixhed (bis-sogru li tinkrimina ruħha) gialadarba l-kaz taghha kien ghadu ma nstemax! Biex jitpogga aktar melh fuq il-ferita, bhal ma tirrapporta s-sentenza hawn appellata, l-ispettur Caruana quddiem il-Magistrat Dottor Hayman xhed li l-anqas biss kien jikkonsidra lil Josette Ben Milend komplici fir-rikatti!!

L-ispettur **Louise Vella** semghet il-verzjoni ta' Josette Ben Milend u ta' Carmel Agius u Pawlu Buttigieg, izda hadd mill-irgiel ma identifika lil George Xuereb bhala r-ragel li gieli kienu ikun jistenniha fil-karozza. Li hu cert hu li hadd minnhom ma allega li qatt gie jaffaccjahom xi ragel.

L-ispettur **Alexandra Farrugia Mamo** tghid li Pawlu Buttigieg kien irrappurtalha li Josette kienet qed tirrikattah u tehodlu l-flus illegalment. Jidher li dan l-incident sehh qabel dak li investiga l-ispettur Caruana, tant li sa dan l-istadju Josette Ben Milend kienet biss qed tichad li qed tirrikatta lil Pawlu Buttigieg: fl-ebda stadju ma zeffnet lil George Xuereb fl-istorja. Din ix-xhud ikkonfrontathom u Josette baqghet tichad li rrikattat; l-ispettur Farrugia Mamo emmnet izjed lil Pawlu Buttigieg imma ma haditx passi ulterjuri. Meta imbaghad l-ispettur Caruana fetah il-kaz odjern, l-ispettur Farrugia Mamo infurmata b' dak li kien irrizultalha.

**Mario Axiaq** jaghti verzjoni li tidher li hija in parti vera u in parti ivvintata. Jghid li Josette u Doris ("iz-zghira") marru jfittxuh biex jghidulu li z-zghira harget tqila minnu minhabba li ghamel is-sess maghha tlitt ijiem qabel. Jghid li ftehmu li jergghu jiltaqghu fil-ghaxija biex jiddiskutu hu setax itaqqal mara, peress li kien impotenti. Din xejn mhi verosimili, in kwantu hadd mhu ser jiblaghha li fi zmien tlitt ijiem xi hadd ser tkun taf li harget tqila. Daqs kemm hu inverosimili li Axiaq u z-zewg tfajliet ftehmu li jiltaqghu biex jiddiskutu din il-haga minghajr ma Josette jew Doris talbuh

flus – hekk jghid dan ix-xhud li dawn qatt ma talbuh flus. Mela Josette u Doris ghamlu din il-messa-in-xena kollha biex jestorcu flus minn ghand Axiaq, imma skond Axiaq dawn ma semmewlux flus! Dan ifisser li jew Axiaq dahal komplici ma' Josette u Doris fil-hrafa taghhom mill-bidu sa l-ahhar, jew inkella wara li dawn irrikattawh ftehmu mieghu biex il-htija tinqaleb fuq l-esponent – mhux mertu ta' dan il-kaz ikunu nafu x' kien il-kumpens ghal dan. Kemm Josette Ben Milend kif ukoll Doris Xerri, fix-xhieda u fil-kontroezami taghhhom, it-tnejn jghidu li lil Mario Axiaq talbuh il-flus. Dan ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li Josette u Doris talbuh flus lil Mario Axiaq, imma sussegwentement dawn ftehmu mieghu biex il-htija titnehha minn fuqhom (ghalhekk Mario jghid li qatt ma talbuh flus) u l-htija tinxtehet fuq l-esponent (ghalhekk Mario jghid li dan talbu l-flus u heddu). **Ta' min jinnota li dan hu l-uniku xhud li qal li George Xuereb talbu l-flus u heddu**, u "kumbinazzjoni" dan sehh dakinhar (fl-unika okkazjoni) li Josette ftehmet mal-ispettur Caruana biex jigi jivverifika l-allegat involviment ta' George Xuereb. **Jekk l-irgiel vittmi kollha qalu li Josette jew kienet tkun ma Doris biss jew wahedha jew ikollha ragel jistenniha f' karozza (u allura r-ragel QATT ma intervjena), Josette kif setghet tbassar li ghall-ewwel darba dakinhar tal-20 ta' Marzu 2001 George kien ser jintervjeni u jhedded lil Mario Axiaq (tant li avvzat lill-ispettur Caruana biex jigi bil-camera, jara u jikkonferma?**!

**Carmel Agius** jixhed li huwa kien mhedded u rrikattat biss minn Josette: din qatt m' hedditu li ser iggib li xi hadd ghalih. Huwa jghid li Josette gieli kien ikollha ragel jistenniha gol karozza. Mhux maghruf meta sehh dan ir-rikatt, (cioe` jekk hux qabel jew wara li l-Kia hadha l-esponenti), imma fi kwalunkwe kaz, anke jekk din l-okkazjoni sehhet meta l-esponent kien ha pussess tal-karozza Kia (minhabba waqfien fil-hlasijiet), minn zmien ghal zmien huwa kien jaghti din il-karozza lil Josette biex tuzaha.[1]

**Vincent Borg** jidher li m' ghandux ideat cari. Jghid li kienet Josette li kienet theddu, u kien isib hafna notamenti ta' theddid (Dok VB folio 70) u kien icempillu wiehed Pawlu. Jghid li ltaqa' mieghu, imbaghad jghid li ma kellmux wicc imwicc. Imbaghad

[1] vide xhieda ta' l-akkuzat u ta' Charlie McKay – il-kugin ta' Josette Ben Milend.

jghid li rah jiehu r-ritratti imma f' identification parade indika tnejn li setghu kienu hu. Fl-Awla m' gharafx lill-imputat bhala dan Pawlu. Meta sussegwentement kellu l-kontroezami qal li jista' jkun li min kellmu bit-telefon qallu li jismu George ukoll ghax kien jisma hafna ilhna. Fuq dan, id-difiza kienet talbet li jigi investigat il-mobile phone li l-pulizija elevaw minn ghand l-esponent sabiex jigi kkonfermat li l-esponent qatt ma cempel lil dan Vincent Borg. Sfortunatament dan il-mobile intilef f' idejn l-espert mahtur mill-Qorti, u din il-konferma ma setghet tasal qatt.

**Pawlu Buttigieg** huwa xhud importanti ghaliex jirrakkonta kif Josette talbitu Lm500, imbaghad Lm7,000, imbaghad Lm3,000 u meta talbitu Lm3,000 ohra huwa mar jirrappurtaha lill-pulizija, imma meta l-ispettura baghtet ghal Josette din cahdet li kienet qed titlob dawn il-flus minn ghad Pawlu Buttigieg. S' hawn Josette kienet ghadha ma ffurmatx il-pjan li tibda twahhal f' George Xuereb.

**Mario Mallia** kien gie mhedded minn Josette li tikxef mal-gharusa tieghu li kien taqqalha. George Xuereb ma dahal f' xejn.

**Nicholas Zarb** huwa l-bniedem li instiga dawn il-proceduri. Xhed li zewg prostituti hallewlu karta mal-karozza biex ikellimhom, u heddewh li joholqulu l-inkwiet jekk ma jhallashomx Lm2,000. Irrappurtahom mal-pulizija, li kif spjega l-ispettur Caruana, waslu biex sabu li wahda min nisa kienet Josette Ben Milend; imbaghad intab li l-ohra kienet Doris. Jghid li dawn kienu aggressivi u vjolenti mieghu, u xejn ma kien jindika li kienu qed jaghmlu hekk ghax imbezzghin minn xi hadd. Jghid li n-nota li sab mal-karozza hija dokument NZ.

Is-surgent **Manuel Saliba** iddeskriva kif fl-incident tal-car-park ta' hdejn Santa Katerina George Xuereb u Josette Ben Milend (biss) gew b' karozza Kia; wara xi hin jistennew Josette harget fit-triq imbaghad gie Mario Axiaq b' MiniMinor u qaghdu jitkellmu; imbaghad Xuereb resaq lejhom bil-karozza u wara ftit sar l-arrest mill-pulizija.

Ghalkemm l-Ewwel Qorti ddikjarat ix-xhieda ta' **Josette Milend** inammissibbli peress li l-Qorti giet sgwidata mill-prosekuzzjoni u inghatat x' tifhem li din xhedet meta kien ghad ghandha l-kaz taghha pendenti, dik il-Qorti xorta tat rendikont ta' x' qalet din ix-xhud fis-sentenza hawn appellata. Tghid li kellha taghti hafna flus lil diversi nies, inkluz l-esponenti u lill-Bona li in kontroezami tammetti li kien isawwatha. Issmmi lil George taz-Zejtun (Cutajar) li ukoll kien isawwatha. Tghid li l-esponenti beda jistaqsiha ghal Doris, u tghid li Doris tant bezghet tkellmu li marret tirrapporta d-Depot![2] Tghid li l-esponenti kien jitlobha l-flus u jheddidha. Tghid li wiehed mill-vittmi li kien ghadu kif xhed qabilha kienet qaltlu li kellu jirrapporta lil George lill-pulizija, izda hadd mix-xhieda ta' dakinhar ma kkorrobora dan. Ghalkemm l-Ewwel Qorti m'emmnitx lill-esponent li meta silef il-flus lil Ben Milend huwa kien hadha ghand nutar biex saret skrittura, ben Milend ammettiet li dan kien veru.

Interessanti jigi notat li Josette tghid li n-notamenti fuq karti li kienu jwahhlu mal-karozzi tal-irgiel kien itihomlhom George Xuereb, mentri Doris Xerri tammetti li dawn il-karti kienet tiktibhom hi stess fil-karozza. Tghid ukoll li kull meta xi ragel ma jhallashomx, George kien jitla' jaghmel ghalih – mentri ghad eccezzjoni tal-kaz burlesk ta' hdejn Santa Katerina (u li suppost ingibed fuq camera), EBDA RAGEL ma allega li gie George Xuereb jaghmel ghalih.

**Doris Xerri**, li l-istess Spettur Angelo Caruana ressaqha l-Qorti b' akkuzi ta' frodi, rikatt u prostituzzjoni fi zminijiet u lokalitajiet diversi, wara li ammettiet u nstabet hatja quddiem Magistrat iehor, kellha l-ardir tigi tixhed quddiem din l-Ewwel Qorti li hija ma kinitx fil-prostituzzjoni bhal Josette!! Bhal Josette din tghid li lil Vince Borg qaltlu biex imur jirrapporta lil George Xuereb mal-pulizija, imma kif gia inghad Vince ma jikkonfermax li Josette u Doris qalulu hekk. Din ammettiet li l-karti esebiti li kienu jitwahhlu mal-karozzi kienet kitbithom hi.

[2] Issa ' l quddiem insibu li Doris tghid li kienet tirrikatta n-nies fuq ordnijiet ta' George Xuereb!

Ghar-rigward tal-' vittma' li ma setax ikollu tfal (Mario Axiaq), hi tirreferi ghalih bhala l-' mecchanic'. Tghid li dan li ma setax ikollu tfal harget wara li rrikattatu[3]. Anzi kkonfermat fil-kontroezami li lil Mario Axiaq talbitu Lm3,000.

Biex tkompli mal-istorja ta' Josette, Doris tirrakkonta kif marret ma' George Xuereb biex jirrikattaw lil dan Mario Agius u li George heddu li ser jaqtaghlu rasu. Bhalma gie riprodott anke fis-sentenza hawn appellata, waqt il-kontroezami din Doris bdiet tehel u tghid li kienet qed tinsa (ghax bezghet li tibdel il-verzjoni) imbaghad finalment regghet insistiet li ghall-incident li sehh fl-20 ta' Marzu 2001 hdejn Santa Katerina hija kienet marret ma' George Xuereb u semghetu jitlob il-flus minn ghand Mario Axiaq u jheddu li ser jaqtaghlu rasu. **Meta tqis li kemm George Xuereb, kemm Mario Axiaq u kemm il-pulizija kollha qablu li Doris ma kinitx involuta fl-incident ta' hdejn Santa Katerina, huwa evidenti li din l-allegazzjoni li George Xuereb kien jirrikatta u jhedded (bil-qtugh tar-ras) kienet storja miftehma**, u m' ghandhiex mis-sewwa.

Xehed minn jeddu **George Xuereb** l-esponenti, u spjega kif hu zamm il-karozza ta' Josette Ben Milend bhala garanzija ghax kellha hafna flus x' ittih. Jghid li dakinhar tal-20 ta' Marzu 2001 Josette qaltlu biex jehodha hdejn l-isptar Santa Katerna u jistenniha – Josette iltaqghet ma' ragel u wara certu hin l-esponenti mar jghid lil Josette li ried jitlaq. Hawnhekk inqala' argument ma' Mario Axiaq ghax bhal indahal, u dlonk gew il-pulizija pajzana. L-esponenti inhasad u saq jigri, imma hu u jahseb kif ser jghaddi, gharaf lill-ispettur Angelo Caruana u waqaf u mar jara x' kien gara; dan arrestah. Isemmi li kellu lil xi hadd (Caroline Magri) li kienet taf ghal min Josette kienet qed tirrikatta u tigbor il-flus, izda ma riedx jghati isimha ghax beza li malli jsir maghruf isimha xi hadd ikellimha dwar kif tixhed. Din Caroline Magri, kif inghad, baqghet ma ttellghet qatt mill-prosekuzzjoni (ghalkemm hekk mitluba mid-difiza), u s-supretendent Bartolo xhed li kellimha u cahdet li lill-Xuereb qaltlu li Josette kienet iggib il-flus ghal Jesmond Farrugia. L-esponent jinisti li hu kien jitlob minn ghand Josette il-flus li kellha ttih wara li sselfet minn ghandu, u la qatt baghta ghall-

[3] Igifieri Mario Axiaq ma kienx qed jghid il-verita` meta qal li t-tfajliet qatt ma talbuh flus.

prostituzzjoni (ghax diga' kellha lil haddiehor) u anqas qatt baght lilha jew lil Doris jirrikattaw in-nies.

**Charles McKay**, il-kugin ta' Ben Milend jikkonferma dak li xhed l-esponenti (u allura giddeb dak li qalet kugintu Josette Ben Milend), u cioe` li l-espoenti iltaqa' ma' Josette ghaliex dan McKay intorducieh maghha biex jislifha xi flus. Jghid ukoll li meta l-karozza Kia kienet suppost ghand George Xuereb bhala garanzija, kien hemm diversi okkazjonijiet li hu raha b' din il-karozza wahedha, u darba sahansitra habtet mieghu bil-karozza.

**Josette Bickle** tixhed li Josette Ben Milend kienet tmur ghall-prostituzzjoni hdejha, kienet tghid lil din ix-xhud li kellha djun ma' diversi nies, fosthom certu Twanny t-Taljan.

Is-supretendent Carmelo Bartolo kien jinforma lill-Qorti li ma kienx qed jirnexxilu jintracca lil Caroline Magri u lil Jesmond Farrugia biex jitilghu bhala xhieda in difesa, imma qal li hu espleta l-investigazzjoni mitluba mill-esponent (li jinvestiga lil Jesmond Farrugia li kien u ghadu l-boyfriend ta' Josette Ben Milend u kien jiehu l-flus kollha li kienet taqla mill-prostituzzjoni u mir-rikatti ta' Josette) billi kellmu u dan cahad billi allega li fl-2001 Josette kienet ghadha mhix il-girlfriend tieghu. OVVJA LI KIEN SER IFARFAR HEKK. Anzi donnu gab hniena lis-supretendent meta qallu li kellu disgiwd ma' Josette ghax xtaqha tieqaf mill-prostituzzjoni!! Is-supretendent jghid li Caroline Magri ma kkonfermatlux li Jesmond Farrugia kien diga' qed jigbor il-flejjes tar-rikatti ta' Josette Ben Milend – haga li kienet qalitha lill-esponenti.

b) Il-Mistoqsijiet tal-Ewwel Qorti.

Illi fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-Ewwel Qorti tistaqsi xi skop kellhom dawk l-irgiel kollha jixhdu li gew rikattati – u dik il-Qorti tghid li skont l-imputat dan ghamluh biex igawdu prestazzjonijiet sesswali b' xejn. B' kull rispett, l-esponenti gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni biex jghid x' kellhom f' mohhom dawk l-irgiel li xhedu

kontrih (li propjament kien Axiaq biss), u spontanjament l-esponent wiegeb li setghu kienu qed jigu kkumpensati b' sess (gialadarba gie ben stabbilit li dawk l-irgiel kollha kienu jmorru ghand Ben Milend ghas-sess). Jekk hemm ragel li xhed kontra l-esponenti dan kien Mario Axiaq biss, u l-esponenti certament mhux f' pozizzjoni li jghid kif gie kkumpensat, jew x' raguni kellu jaghmel dan.

Illi dik il-Qorti tistaqsi wkoll kif l-esponenti jghid li kellu l-karozza Kia fuq ismu bhala garanzija, meta irrizulta li din dejjem baqghet fuq Josette ben Milend. Jidher li jew l-esponenti ma spjegax ruhu sew, jew il-Qorti fehmet ic-cirkostanzi hazin: Josette kienet xtrat il-karozza bid-dejn mal-bank, u kienet mill-ewwel fuq isimha. Aktar tard McKay laqqaghha mal-esponenti li silifha hafna flus; meta maz-zmien ra li ma kienx qed jithallas lura, bi ftehim ma' Josette ha l-pussess tal-karozza u anke ffirmaw dokumenti ta' trasferiment ghal fuqu, f' kaz li lill-esponenti tibqa' ma thallsu qatt. Dik kienet il-garanzija. Il-karozza imbaghad ingabret mill-pulizija (u forsi marret lura ghand Ben Milend) izda l-esponenti baqa' ma thallasx lura l-flus li silef lil Ben Milend!

Illi dik il-Qorti tistaqsi (b' ton li allura turi li mhix temmen lill-imputat) ghalxiex l-imputat xhed li ghandu kuntratti u skritturi privati li qal li ser jesebihom imbaghad ma esebihom qatt. Fl-ewwel lok ghandu jigi apprezzat li xi zmien wara li l-esponenti xhed u qal li ser jesebixxi dawn il-kuntratti, il-komunikazzjoni mal-avukat li kellu ddeterjorat, sal punt li inkariga avukat iehor. Maz-zmien din il-promessa li jigu esebiti dawk il-kuntratti intnesiet. Madankollu dik il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tiddubita li l-esponenti ghamel kuntratt notarili ta' self ma' Ben Milend ghax Ben Milend stess ammettiet dan fix-xhieda taghha. L-anqas ma kellha ghalfejn tiddubida dik il-Qorti li kiene hemm skritturi rigward it-trasferiment tal-vettura Kia bhala garanzija, ghax anke dan ammettietu Ben Milend stess. B' kull rispett, l-esponent allura ma jafx minn xiex kien ghad baqghalha dubji l-Ewwel Qorti.

c) Il-kredibilita` ta' George Xuereb

Illi l-ewwel Qorti sabet it-tismija ta' Jesmond Farrugia (li ghal hafna zmien id-difiza talbet li jittella' jixhed u ma telax) bhala "attentat kemxejn patetiku" biex il-htija tintefa' fuqu. L-esponent kulma ried li johrog (kieku l-prosekuzzjoni ghamlet xogholha sew u tellghet lil Farrugia jixhed) li fl-ewwel lok Farrugia kien ilu boyfriend ta' Ben Milend snin twal, qabel beda dan il-kaz, u kien il-persuna li kien jibghatha ghall-prostituzzjoni; il-Qorti kien ikollha l-opportunita` tara li dan Jesmond Farrugia huwa r-ragel b' xaghru nnuklat (xaghar l-esponent assolutlament qatt ma kien innoklat) li jsemmi wiehed mill-vittmi li raw ragel fil-karozza ta' Josette; u possibbilment kien jigi kkonfrontat ma' dak il-vittma li qal li f' Manoel Island gie ragel jehodlu r-ritratti. Dawn l-irgiel ma identifikawx lil George Xuereb li kien fl-Awla meta xhedu; forsi lil Farrugia kienu jidentifikawh kieku kien prezenti fl-Awla, imma sfortunatament bhal fil-kaz tal-mobile li ntilef (!) xhud hekk importanti ghad-difiza ma ttellax. L-uniku ragel li identifika lil Xuereb kien Mario Axiaq, imma dwar dan gia gie sottomess kif sahansitra Josette u Doris ikkontradixxewh.

Illi l-Ewwel Qorti tikkritika d-difiza ta' dak iz-zmien ghaliex qatt ma esebiet s-sentenzi kontra Josette u Doris, mentri b' lealta` kellha tkun il-prosekuzzjoni (li wara kollox kienet l-istess prosekuzzjoni li mexxiet kontra Josette u Doris) li biex tipprovdi stampa kompleta lill-Qorti kellha tinforma (u tesebixxi s-sentenza) lil dik il-Qorti li Josette u Doris AMMETTEW LI KIENU HUMA LI FL-20 TA' MARZU 2001 U FIX-XHUR TA' QABEL U F' LOKALITAJIET DIVERSI F' DAWN IL-GZEJJER, ĦADU GHALIHOM AKTAR MINN LM1,000 B' RIKATT, LI HEDDEW ANKE B' KARTI MIKTUBA U LI B' QERQ GHAMLU QLIEGH <u>GHALIHOM</u> TA' AKTAR MINN LM1,000. Il-prosekuzzjoni kienet taf b' dan kollu, imma hbietu mill-Ewwel Qorti, li allura spiccat llum lid-difiza ta' dak iz-zmien talli qajmet il-kwistjoni tal-ammissibilita` o meno ta' dawn iz-zewg xhieda.

Illi b' kull rispett jinghad li l-Ewwel Qorti rat il-kaz mill-lenti tal-Prosekuzzjoni, li sfortunatament ma kinitx kommessa li tipprovdi stampa genwina tal-kaz kollu, izda ta' dak biss li seta' "jgharraq" lill-akkuzat. B' kull rispett l-ewwel Qorti spiccat id-dubji titfaghhom kontra l-akkuzat, **bhal meta** dik il-Qorti assumiet li meta l-vittmi rreferew ghal ' ragel bin-nuccali' kienu qed jirreferu ghal George Xuereb; **bhal meta**

ghamlet il-mistoqsijiet (hawn fuq risposti) b' ton li tali dubji ghandhom jittiehdu bhala sinjal ta' htija da parti tal-akkuzat; **bhal meta** ikkonsidrat lil Doris Xerri bhala li dahlet fl-istorja tar-rikatti "gratis et amoris" u mhux bi qliegh ghaliha bhal ma ammettiet fil-kawza taghha; **bhal meta** in rigward tal-hames (5) akkuza l-Ewwel Qorti m' accettatx il-possibilita` li meta George Xuereb gew fuqu xi pulizija (pajzana u bla ebda indikazzjoni li kienu pulizija) hasduh, u harab ghax ma ndunax mill-ewwel li kienu pulizija; l-unika darba li l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed taghti l-beneficcju tad-dubju lill-akkuzat kien meta ddikjarat ix-xhieda ta' Josette Ben Milend mhux ammissibbil, madankollu dik il-Qorti agixxiet daqslikieku ix-xhieda ta' Ben Milend kienet ammissibbli, kif ser jinghad fis-segwenti tieni aggravju.

2. Illi it-tieni aggravju jirrigwarda l-fatt li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rriportat x' qal kull xhud, imbaghad aktar tard ittrattat punt legali sollevat li Doris u Josette ma kienux xhieda ammissibbli ghaliex il-kaz taghhom kien pendenti. Kif gia' inghad, il-prosekuzzjoni saddet halqha u ma qalet xejn li l-kaz ta' dawn kien diga' inqata' b' mod definittiv, u allura la l-Qorti u l-anqas id-difiza ma kellhom indikazzjoni cara ta' jekk tressqux, meta u met agie deciz il-kaz taghhom. Minhabba f' hekk, l-Ewwel Qorti kellha tindovina li Doris Xerri xhedet wara li l-kaz taghha inqata' , u indovinat sew, u li Josette Ben Milend xhedet meta l-kaz taghha kien ghadu ma nfetahx jew kien ghadu pendenti – hawnhekk dik il-Qorti indovinat hazin, u qalet li ghall-beneficju tad-dubju iddikjarat ix-xhieda ta' Josette Ben Milend mhux ammissibbli.

Fl-ewwel lok l-esponent jaghmilha cara li m'ghandu ebda interss li x-xhieda ta' Josette Ben Milend tkun dikjarata mhux ammissibbli, u fic-cirkostanzi anzi x-xhieda ta' Ben Milend ghandha titqies ammissibbli.

Fit-tieni lok, jekk l-Ewwel Qorti riedet tqis ix-xhieda ta' Josette Ben Milend mhux ammissibbli, allura l-anqas ma messha dik il-Qorti tirriporta x' xhedet: bir-riportagg tax-xhieda ta' Ben Milend, is-Sentenza tindika li dak li qalet Ben Milend kien qed jittiehed in konsiderazzjoni biex tigi fformulata l-istampa tal-fatti.

Fit-tielet lok, bil-kunsiderazzjonijiet taghha, l-Ewwel Qorti uriet li tat piz lil dak li xhedet Josette Ben Milend AKTAR milli tat piz lil dak li xhedet Doris Xerri. Di fatti Josette Ben Milend xhedet li l-karti li kienu jitwahhlu mal-karozzi kien itihomlha George Xuereb, mentri Doris Xerri ammettiet li kienet tiktibhom hi stess fil-karozza taghhom (igifieri quddiem Josette). Meta imbaghad l-Ewwel Qorti tkellmet fuq dawn il-karti in rigward tal-ewwel akkuza, dik il-Qorti xorta tiddeskrivihom bhala "notamenti mal-vettrua tal-vittma moghtija lilhom mill-akkuzat." Fuq dan, huwa mija fil-mija evidenti li l-Ewwel Qorti skartat ic-cahda tal-akkuzat, nesiet jew skartat l-ammissjoni ta' Doris Xerri, u accettat bhala fatt dak li allegat Josette Ben Milend.

3. Illi t-tielet aggravju huwa subordinarju u bla ebda pregudizzju ghaz-zewg aggravji precedenti. Dan jirrigwarda l-piena. Mela Doris Xerri li ammettiet truffa, estorsjoni, theddid, rikatti u tlajjar ghall-prostituzzjoni f' diversi okkazjonijiet differenti minghajr ma kienet imgieghlha minn hadd giet kastigata b' sentejn prigunerija sospiza ghal sentejn[4], fil-waqt li l-esponenti li li la nstab hati ta' theddid bil-kitba u anqas ta' tlajjar ghal prostituzzjoni imma fil-bqija ghall-istess akkuzi jigi kkundannat hames snin prigunerija u elf Euro multa. L-esponent ma jixtieqx jelabora fuq dan l-aggravju ghaliex kif gia' inghad l-esponenti gie "framed" minn Josette Ben Milend, Doris Xerri u sa certu punt minn Mario Axiaq, u ebda piena, zghira kemm hi zghira, ma tista' titqies gusta mal-esponent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

---

[4] Josette Ben Milend mhix tissemma hawnhkekk dato sed non concesso li din ghamlet dawn ir-reati ghax kienet imgieghla taghmilhom kontra l-volonta' taghha.

Rat is-sentenza moghtija minnha fejn din il-Qorti kienet annullat l-ewwel sentenza moghtija mill-ewwel Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-appellant quddiem din il-Qorti.

Il-partijiet irremettew ruhhom ghall-atti u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali tghha.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) l-Ispettur Angelo Caruana li kien duty officer ic-CID skont dak li jirrizulta mix-xhieda tieghu kien informat mill-Ispettur Camilleri tal-Belt li kien hemm ragel li qallu li l-Hadd ta' qabel kien mar ma' mara l-Gzira ghal affarijiet ta' sess u wara sab karta mal-windscreen. L-Ispettur Angelo Caruana xehed dwar dak li gie infurmat li rraporta dan ir-ragel u cioe' li avvicinawh '*tlett nisa u qalulu li riedu jkellmuh*' u li ftiehem maghhom li jmorru hdejn Sant'Iermu u qalilhom li qatt ma kien ra lil dawn in-nisa u wahda qalet lill-ohra li '*din pregnant minnek u rridu LM2000 biex taghmel abortion*'. Spjega kif dan ir-ragel ghal bidu ma hallas u kien anke mar jirrapporta l-Ghassa izda sussegwentement iddecieda li jhallas LM2000 ghax gie mhedded peress li qalulu li hadulu xi ritratti. Dawn ir-ritratti baqghu ma nghatawx lilu.

2. L-Ispettur Angelo Caruana xehed li kellu informazzjoni kunfidenzjali li l-appellant kien wara r-rikatt. Xehed ukoll li l-Ispettur Vella hadet lil persuna ohra certu Nicholas Zarb patrol u kien identifika lil Josette Benmilland bhala l-persuna li ghaddiela l-flus;

3. Irrizulta li l-akkuzat fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001)[5] kien avvvicina lil Mario Axiaq fil-prezenza ta' Josette Ben Millend hdejn l-Isptar Santa

---

[5] L-Ispettur Angelo Caruana xehed li '*Bdejt nisma b'vittmi u jien bdejt inkellimhom lil dawn il-vittmi u dan kienet illi fil-21 ta' Marzu kelli informazzjoni li kien ser isir dan it-tip ta' theddid kien ser jinbeda ma bniedem gdid.*' Jirrizulta izda li meta intervena l-Ispettur hdejn l-Isptar Santa Katerina, dan kien fl-20 ta' Marzu, 2001.

Katerina. Wara ftit, l-Ispettur Caruana mar fuq l-appellant u l-appellant saq. Mario Axiaq allega li l-appellant talbu LM2000 ghax iz-zghira tqila u heddu li jaqtalu rasu.

4. L-appellant minn naha l-ohra cahad dak allegat.

5. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid u tqis l-aggravji mressqa mill-appellant fl-appell tieghu bhala parti mid-difiza tal-appellant. Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-mertu. Jissottometti li huwa veru li bhala regola l-prostituti jkunu vittmi, imma hafna drabi jkunu vittmi ta' persuni li jkunu jhobbu, u jkunu lesti jaghmlu minn kollox biex l-aggressur taghhom ma jidholx f'inkwiet. Jissottometti li Josette Ben Milend kienet protetta mill-boyfriend taghha Jesmond Farrugia, li l-imputat hassu skomdu jixhed dwar dan ghax kien qed jibza' mill-konsegwenzi. Caroline Magri prostituta ohra li ma kellhiex protezzjoni li izda spiss kienet tmur ghal prostituzzjoni ma' Josette qalet lill-appellant li Josette qaltilha li l-flus li kienet tigbor mill-prostituzzjoni u mir-rikatti kienet ittihom lil Jesmond Farrugia u lil nies ohra li kienu jsawtuha. Jissottometti li sussegwentement l-appellant iddecieda li ried itella lil Jesmond Farrugia u lil Caroline Magri dwar din l-informazzjoni, il-prosekuzzjoni kaxkret saqajha ghal snin shah u lil dawn it-tnejn baqghet ma tellghethom qatt. L-appellant kellem lis-Supretendent Carmelo Bartolo u infurmah ghalxiex ried li jitilghu dawn it-tnejn u talbu u awtorizzah jinvestigahom, issottometta li s-Supretendent Bartolo li allura ma rnexxilux itella' lil dawn it-tnejn jixhdu, kellimhom privatament u gie jirraporta lil Qorti li Magri cahdet li Josette qaltilha li l-flus kien qed jehodhom kollha Jesmond Farrugia, dwar Jesmond Farrugia qal li kien il-boyfriend ta' Josette imma qal li kien qed jiggieled maghha ghaliex ma ridhiex tibqa' fil-prostituzzjoni. L-appellant jissottometti li b'dawn iz-zewg xhieda ma jitilghux ghall-iskrutinju tal-Qorti, id-difiza tal-appellant tidher fjakka imma li jekk wiehed jiddipartixxi minn dak li dejjem ghazlet li temmen il-prosekuzzjoni u jhares lejn il-kaz b'lenti kompletament oggettiva, skont l-appellant issib li Josette u Doris huma giddibin u ghamlu gwadann fil-kawza taghhom a skapitu tal-appellant.

Din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra dan il-punt imressaq mill-appellant u cioe' dwar il-fatt li la Jesmond Farrugia u lanqas Caroline Magri ma ttellghu jixhdu

quddiem l-Ewwel Qorti. Mill-atti jirrizulta li fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) id-difiza talbet sabiex jitharku Jesmond Farrugia, Charles MCkay, Josette Bickle u Caroline Magri bhala xhieda. Jirrizulta li kien hemm numru ta' differimenti. Fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) il-Qorti kienet iddiferiet il-kawza ghat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) "*ghall-ahhar darba ghall-gheluq tal-provi difiza bl-intiza cara illi tithalla ghall-finali trattazzjoni.*" Fl-atti ma hemm l-ebda verbal datata it-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) izda fis-seduta tad-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) kien xehed Charles Mc Kay u d-difiza talbet li jitharrku tlett xhieda ghas-seduta li jmiss. Fost xhieda ohra fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) id-difiza talbet li jitla Jesmond Farrugia izda Caroline Magri ma tissemmiex f'dak il-verbal. F'dik is-seduta, l-Qorti gibdet l-attenzjoni li ghall-ebda raguni hlief ta' mard serju m'hu se tikkoncedi differiment iehor. In segwitu ta' numru ta' seduti, fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) id-difiza talbet fost xhieda ohra li jittellghu bhala xhieda in difeza Caroline Magri u Jesmond Farrugia. Mill-verbal tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ghalkemm deher Jesmond Farrugia, id-difiza talbet li qabel ma jiddeponi Jesmond Farrugia, tiddeponi l-ewwel Caroline Magri ingunta ghal dik is-seduta izda li ma dehritx. L-Supt Carmelo Bartolo f'dik is-seduta xehed li in segwitu ta' rikors tal-imputat fejn gie awtorizzat jitkellem mal-imputat, huwa kien tkellem ma' Caroline Magri u Jesmond Farrugia fejn Caroline Magri cahdet li hadet xi flus minn dan ir-rikatt. Kellem lil Jesmond Farrugia li ikkonferma li huwa s-sieheb taghha ta' Josette Ben Milend u li meta kienu jsehhu dawn ir-rikatti lanqas kien ghadu beda johrog maghha.

F'dik is-seduta il-Qorti sabet lil Caroline Magri hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha u kkundannata multa filwaqt li ordnat il-hrug ta' mandat ta' akkumpanjament. Il-kawza kienet thalliet ghas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) biex tigi ingunta Caroline Magri li kellha tingib b'mandat ta' akkumpanjament, biex jixhed Jesmond Farrugia u xhud iehor. Fil-process izda ma jirrizultax verbal tas-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Sussegwentement numru ta' seduti kienu gew differiti.

Fil-verbal tas-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010)

tnizzel li '*Kawza differita ghal nhar l-04/02/2011 ghan-notifika ta' l-imputat u eghluq provi difiza, b'dan illi l-Qorti tqis li n-nuqqas tal-provi difisa jfisser l-eghluq ta' l-istess provi, u tghaddi dakinhar biex tisma' l-finali trattazzjoni.*' It-tlett seduti sussegwenti kienu gew differiti fuq ordni tal-Qorti. Ma kien deher hadd fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) u sussegwentement kien hemm differimenti ohra fuq talba tal-Prosekuzzjoni u anke peress li l-Ufficjal Prosekutur kien indispost. Fil-verbal tas-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) tnizzel:

'*Meta ssejhet il-kawza deher is-Supritendent Carmelo Bartolo u l-imputat assistit minn Dr Leslie Cuschieri.*

*Minhabba raguni ta' sahha fil-familja ta' l-Avukat Difensur, kawza differita 22.03.2012 ghall-**finali trattazzjoni**.*

*L-imputat notifikat in awla.*' (Emfazi u sottolinear mizjud min din il-Qorti)

Skont il-verbal tas-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-istess seduta deheru l-ufficjal prosekutur u l-imputat izda l-avukat difensur ma deherx. Tnizzel li '*Il-Qorti rat il-verbal fejn il-Qorti kienet ordnat l-gheluq tal-provi tad-Difiza u qeghda thalli l-kawza ghal finali trattazzjoni.*' Din il-Qorti tinnota li fl-atti ma jirrizultax verbal fejn il-prova tad-difiza kienu dikjarati bhala maghluqa. Il-Qorti kienet taghat zmien biex il-partijiet jiprezentaw nota u l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni, liema termini kienu gew estizi. Filwaqt li l-Kummissarju tal-Pulizija prezenta n-nota ta' sttomissjonijiet tieghu l-imputat wara li talab u nghata aktar zmien biex jipprezenta nota baqa ma prezenta l-ebda nota. Filwaqt li sussegwentement fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) l-akkuzat prezenta rikors fejn talab li '*takkorda lill-esponenti li jressaq id-difiża tiegħu, u dan billi jew jingħata żmien iressaq sottomissjonijiet miktuba jew billi twaqqaf il-prolazzjoni tas-sentenza u thalli l-każ ghat-trattazzjoni orali.*' Il-Qorti kienet laqghet it-talba u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni finali. Minkejja dan l-Avukat difensur ma deherx fis-seduta skedata u l-kawza intbghatet ghas-sentenza u wara numru ta' differimenti fuq ordni tal-Qorti, inghatat is-sentenza.

Ghalhekk jirrizulta li z-zewg xhieda li talab li d-difiza talbet li jigu ngunti u cioe'

Jesmond Farrugia u Caroline Magri baqghu ma telghux jixhdu. Jirrizulta ukoll li wara l-Qorti ordnat li l-kawza tintbaghat ghan-noti ta' sottomissjonijiet, l-appellant ma insistiex ghal dawn iz-zewg xhieda. Filfatt meta l-akkuzat prezenta rikors fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa ma talabx li l-Qorti tordna li jittellghu jixhdu dawn iz-zewg xhieda u ghalhekk l-appellant irrinunzja tacitament ghal dawn iz-zewg xhieda meta ma nsistiex ghalihom. In oltre', din il-Qorti ma tistax ma tinnutax li kien hemm seduti fejn l-akkuzat ma kienx assistit u ghalhekk din il-Qorti temfasizza li Avukat meta jaccetta li jippatrocina lil xi parti ghandu jassigura li jsegwi l-kaz u jattendi ghal seduti u li jaderixxi ruhu ma' digrieti tal-Qorti u mhux ihalli kawza tmur ghas-sentenza u sussegwentement jilmenta li x-xhieda baqghu ma xehdux.

La darba meta l-Qorti baghtet il-kawza ghan-noti ta' sottomissjonijiet l-appellant ma nsistiex fuq dawn iz-zewg xhieda, l-appellant ma jistax issa f'dan l-istadju jressaq sottomissjonijiet dwar xiex huwa stenna li jixhdu dawn ix-xhieda. B'zieda ma dan, jirrizulta fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant prezentata quddiem din il-Qorti kif preseduta l-appellant issottometta li huwa inaccettabli li l-ufficjal prosekutur joqghod jarbel ix-xhud tad-difiza qabel ma dan jitla' l-Qorti, u fit-tieni lok huwa aktar u aktar inacccettabli li flok qabad u tella' lix-xhud, l-Ispettur gie jghid hu x'qallu x-xhud bi ksur lampanti tad-dritt fundamentali tal-akkuzat ghal smiegh xieraq u l-principju tal-*equality of arms*. Jissottometti li filwaqt li l-akkuzat jigi mwiddeb biex ma jkellimx xhieda tal-prosekuzzjoni u l-prosekuzzjoni mhux biss tkellem lix-xhud tad-difiza, talli ma tressqux il-Qorti u tigi hi tghid bejn wiehed u iehor x'qallu x-xhud. Jghid li harbat l-element tas-sorpriza li d-difiza tant kienet tehtieg biex bir-risposti ta' dan Farrugia jigi korrobatat dak li xehed l-akkuzat. Din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant qieghed jaghmel referenza ghal dak li sehh fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009). F'dik is-seduta kien xehed fuq ordni tal-Qorti is-Supretendent Carmelo Bartolo fejn spjega li fil-mori ta' dan il-kaz l-akkuzat George Xuereb kien intavola rikors fejn talab li jigi awtorizzat jitkellem mieghu dwar xi parti ta' dan il-kaz. Il-Qorti kienet laqghet din it-talba u kien tkellem mal-appellant. Spjega li '*Dan hu gibidli l-attenzjoni li fir-realta xtaq illi ninvestiga lil Caroline Magri. Jiena staqsejtu ghalfejn u hu min-naha tieghi qalli li Caroline Magri kienet qed tiehu xi flus minn xi attivitajiet li kienu qed jigu ggestiti. Qalli wkoll illi certu Jesmond Farrugia*

*wkoll kien qed jiehu flus minn dak li kienet qed tigbor Josette Ben Milend waqt dawn l-allegati attivitajiet li kienu ghaddejin.*' Is-Supritendent Carmelo Bartolo kien tkellem ma' Jesmond Farrugia, Caroline Magri u lil Josette Ben Milend.

Fil-verbal ta' dik is-seduta tnizzel li '*Dr Leslie Cuschieri ghall-imputat jirrileva li l-Ufficjal Prosekutur ma setax jixhed affarijiet godda meta mhux mistoqsi mid-Difiza gialadarba qeghdin fl-istadju tal-provi tad-Difiza, u dan partikolarment ghaliex l-imputat ma jaqbilx precizament ma' kif l-Ufficjal Prosekutur xehed li kellmu l-istess imputat, u ghaldaqstant il- kontro ezami ha jsir bla pregudizzju ghal dan il-punt.*' Tnizzel li '*L-Ufficjal Prosekutur jirribatti billi jispjega li tali xhieda nghatat illum peress illi fil-mori tal-kaz kienet id-Difiza stess illi talbet biex titkellem mal-Prosekuzjoni, u li talbet biex issir investigazzjoni - liema talbiet gew milqugha mill-Qorti, u b'hekk il-Prosekuzzjoni ma kellhiex triq ohra hlief li tinforma lura lill-Qorti bl-ezitu ta' dawn it-talbiet;*

*Tajjeb wiehed ifakkar li anke fi stadju tad-Difiza, jekk kemm-il darba l-Prosekuzzjoni jririzultawlha provi godda, hija fid-dmir u d-dover li twassal tali taghrif lill-Qorti li tkun qieghed tippresjedi l-kaz, u dan wara l-formalitajiet necessarji.*'

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li kien wara li l-akkuzat permezz tar-rikors datat il-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) fejn kien talab li l-Qorti tikkoncedilu li jikkomunika mal-Ufficjal Prosekutur dwar l-fatti tal-kaz, li l-Ufficjal Prosekutur wara li tkellem mal-imputat, kellem lil Jesmond Farrugia lil Caroline Magri u lil Josette Ben Milend. Il-Prosekuzzjoni hija marbuta li tressaq il-provi kollha, kemm dawk favur u kontra l-akkuzat. Is-Supretendent Carmelo Bartolo xehed dwar ir-rizultanzi ta' dak li qalulu Jesmond Farrugia u Caroline Magro izda gialadarba dawn iz-zewg xhieda baqghu ma xehdux, din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li s-Supretendent kien xehed li qalulu. Jirrizulta ukoll li dak in-nhar li is-Supretendent Carmelo Bartolo xehed, ghalkemm Jesmond Farrugia kien prezenti ghal dik is-seduta, id-difiza ghazlet li ma ttelghux jixhed biex dan jixhed wara li tixhed Caroline Magri. Ghalhekk ix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo ma kinitx intiza biex tissostitwixxi x-xhieda ta' Jesmond Farrugia u Caroline Magri. Kif gia inghad id-difiza ma baqghetx tinsisti biex jitilghu jixhdu dawn iz-zewg xhieda meta l-kawza ntbaghtet ghan-noti ta' sottomissjonijiet u ghalhekk id-difiza issa ma tistax tressaq sottomissjonijiet dwar dak li kienu ser jixhdu dwaru dawn iz-zewg

persuni. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex tilqa' s-sottomissjonijiet maghmulha mill-appellant dwar dawn iz-zewg persuni li baqghu ma xehdux u ghalhekk lanqas ma tista' tqis sottomissjonijiet bhal li Jesmond Farrugia skont l-appellant huwa r-ragel b'xaghru nnuklat u sottomissjonijiet ohra dwar x'setgha jirrizulta mix-xhieda ta' persuni li baqghu ma xehdux.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti qabel ma tghaddi biex taghmel dan l-apprezzament tal-fatti u cioe' billi tqis l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant, sejra l-ewwel tikkunsidra punt importanti mressaq mill-appellant u cioe' l-ammissibilita' tax-xhieda ta' Josette Ben Milend u Doris Xerri. L-appellant jissottometti li kemm ix-xhieda ta' Josette Ben Milend u anke dik ta' Doris Xerri hija ammissibli.

A fol 307 et sequitur giet esebita sentenza fl-ismijiet '*Pulizija Spettur Angelo Caruana Spettur Louise Vella vs Josephine sive Josette Ben Milend Dolores Xerri*' liema sentenza giet deciza fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001). Din is-sentenza tinsab esebita ukoll mal-appell a fol 573 et sequitur. Josette Ben Milend u Doris Scerri xehdu l-ewwel darba quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) u ghalhekk qabel ma nghatat is-sentenza kontrihom, almenu skont dak li jirrizulta mill-atti. F'dik is-seduta kienu nghatghu l-caution, filfatt fix-xhieda ta' Doris Scerri il-Qorti avzata li '*ghandek id-dritt li ma tirrispondix. Ser tixhed jew le?*' u wiegbet li iva ser tixhed. Ix-xhieda taghha kienet giet sospiza u tkompliet fl-istess seduta. Josette Milend fix-xhieda tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) giet mistoqsija mill-Qorti '*Ghandek trid ma twegibx?*' u x-xhud ghaddiet biex tixhed. Jirrizulta li dawn iz-zewg xhieda regghu xehdu in kontro-ezami quddiem l-Ewwel Qorti. Doris Scerri xehdet in kontro-ezami fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) filwaqt li Josette Ben Milend xehdet in kontro-ezami fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ghalhekk wara li gew konkluzi l-proceduri kontrihom u cioe' wara li giet deciza s-sentenza kontra taghhom fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001). Biss pero' meta regghu telghu jixhdu huma xehdu in kontro-ezami u mhux bhala xhieda in difeza u ghalhekk jekk ix-xhieda moghtija qabel ma giet deciza s-sentenza kontra taghhom hija inammissibli, xhieda in kontro-ezami li ghandha tkun fuq l-ezami hija

ukoll inammissibli anke jekk din ix-xhieda in kontro-ezami inghatat wara li gew konkluzi l-proceduri kontra taghhom.

Mis-sentenza esebita a fol 307 et sequitur jirrizulta li Josephine sive Josette Ben Milend u Dolores Xerri kienu gew akkuzati bir-reat tar-rikatt, b'theddid bil-mezz tal-kitba, bi frodi b'qerq gharrieqi kif ukoll bit-tlajjar. Ghalhekk huwa evidenti li l-ewwel tlett imputazzjonijiet huma l-istess ghal dawk li taghhom l-appellant huwa akkuzat u jirrigwardaw l-istess mertu. Jirrizulta mis-sentenza esebita li Josephine sive Josette Ben Milend u Dolores Xerri kienu ammettaw ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom u ghalhekk din il-Qorti qieghda tqishom bhala ko-akkuzati fi proceduri separata ghal dawk odjerni. Ghalkemm l-Ispettur Angelo Caruana li fir-risposta prezentata minnu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) li jinsab a fol 254 ghal rikors ta' Josette Ben Milend iddikjara li:

*'Illi ir-rikrrenti kienet giet mressqa l-Qorti u akkuzata fuq l-istess reat u giet misjuba hatja u l-kawza taghha illum hija difinittiva.*
*Illi in segwitu ta' dan gie mressaq il-Qorti u akkuzat bl-istess akkuzi George Xuereb fuq citat...'*

Jirrizulta li l-kawza kontra Josette Ben Milend u Doris Xerri kienet giet deciza fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) u ghalhekk waqt li l-proceduri kontra l-akkuzat kienu gia pendenti. Fil-verbal tas-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) hemm imnizzel li l-Prosekuzzjoni esebiet sentenza fil-konfront ta' Josette Ben Milend izda jirrizulta li din is-sentenza hija anke fil-konfront ta' Doris Scerri, f'dik is-sentenza indikata bhala 'Dolores Xerri'.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna Spettur Priscilla Caruana Lee) vs Omissis Anthony Galea'**[6]:

*'Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u*

[6] Deciza fil-25 ta' Marzu, 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

*lanqas favur l-akkużat jew l- akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.*

*Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l- paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-ko-akkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz.*

*Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*

*Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom* ***Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri****,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927;* ***Il-Pulizija vs Toni Pisani*** *Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944;* ***Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella****, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947;* ***The Police vs Alfred W. Luck et****, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949;* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara****, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996;* ***Il- Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et****, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996;* ***Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius****, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u* ***r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et*** *Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998,* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia****, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.*

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.*[7]

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut"*[8] *spjegat li:*

***"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru,***

---

[7] "Il-Pulizija vs Joseph Grech et." deciza nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Onor. Mag. Dr. N. Camilleri (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

[8] Deciza nhar is-16 ta' Novembru, 2006 per Onor. Imhallef J. Galea Debono (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

***1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko- awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l- iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."***

*Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza <u>"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia",</u> fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:*

***"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl- istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi procedure separat.***'

Fis-sentenza **<u>'Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) (Spettur Luke Bonello) Vs Joseph</u>**

**Anthony Cini Omissis Alfred Mazzitelli'**[9]:

*'Illi dwar ix-xhieda tal-imputat Alfred Mazzitelli huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li dak li jghid ko-akkuzat ma jista la jibbenefika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor*[10]*. Il-Qorti ta' l- Appell Kriminali kellha opportunita ticcara d-differenza bejn ix- xhieda ta' komplici u x-xhieda ta' koakkuzat anke b'referenza ghal diversi sentenzi ohra mghotija mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti qalet hekk:*

*ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) ... tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il- komplici, ... r-regola l-ohra (hi) li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-koakkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l- kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.* [11]

*Illi konformament ma' dawn il-principji din il-Qorti tista' tqies dak li jghid kull wiehed mill-imputati bhala prova fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront tal-imputati l-ohra ukoll.'*

Xhieda ta' ko-akkuzat ma jista la jibbenifika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor. Ghalhekk gialadarba jirrizulta li kemm Josette Ben Milend u anke Doris Scerri kienu akkuzati b'uhud mir-reati l-appellant gie akkuzat bihom li taghom ammettew u stante li dawn ix-xhieda taw ix-xhieda taghhom qabel ma gie deciz il-kaz kontra taghhom, ix-xhieda taghhom tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) hija inammissibli. In oltre' minkejja l-fatt li kemm Josette Ben Milend u anke Doris Scerri kienu regghu xehdu wara li l-proceduri taghhom kienu konkluzi izda xehdu in kontro-ezami, la darba il-kontro-ezami ghandu jsir fuq ix-xhieda moghtija u li ghalhekk inammissibli, anke dik ix-xhieda moghtija in kontro-ezami wara li gie deciz il-kaz kontra taghhom hija inammissibli. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tqis ix-

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Jannar, 2019 (Kump Numru: 395/2012)
[10] Ref Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et Appell Kriminali deciz 07.04.1992. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)
[11] Ref Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia sentenza datata 23 ta' Mejju 2001. ( Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hdax (11) fis-sentenza citata)

xhieda ta' Josette Ben Milend u Doris Scerri moghtija kemm fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) u lanqas dik moghtija in kontro-ezami minn Doris Scerri fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u anke x-xhieda moghtija minn Josette Ben Milend in kontro-ezami fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003). Din il-Qorti lanqas sejra tqis dal li Josette Ben Milend u Doris Scerri setghu qalu lil Pulizija waqt li kien qieghed jigi investigat dan il-kaz stante lanqas dan ma jista' jkun ta' prova favur jew kontra l-akkuzat.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex tikkunsidra l-kumplament tal-provi u tqis l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant.

Ikkunsidrat;

1. Illi permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-appellant giet akkuzat talli fl-20 ta' Marzu, 2001 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet diffeenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe' talli:

*'F' H' Attard u f' diversi lokalitajiet f' dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tezegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra persuna ohra jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh b' liema theddid wasal bil-hsieb tieghu, u cioe' ha ammonti ta' flus li jaccedu l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) minghand diversi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 250(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta';*

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal dak li xehed in succint xhud principali u cioe' Mario Axiaq fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001). Huwa gie mistoqsi dwar l-ghoxrin (20) ta' Marzu meta l-Pulizija ltaqghu mieghu fil-parking area tal-isptar Santa Katerina fejn huwa spjega li kienu gew zewg nisa l-garaxx tieghu, li talbitu l-mobile u regghu gew xi nofs siegha wara u

qaltlu biex jiltaqghu mieghu filghaxija ghal xis-7:00pm il-Marsa fejn il-Cold Stores. Xehed li qaltlu biex imur maghhom it-tnejn ghas-sess. Spjega li kien ghamel maz-zghira u haditlu LM15 u wara ftit giet u qaltlu li hi tqila u dan wara tlett ijiem. Qalilha jiltaqghu hdejn l-Isptar Santa Katerina u qalilha li '*l-isperma tieghi mhix tajba ghax ghamilt operazzjoni*.' Spjega li ma talbitux xejn dak in-nhar, kull ma qaltlu li hi tqila '*u naraw kif ser naghmlu*.' Spjega li '*kif hrigt mill-karozza insib lil din u f'daqqa wahda giet karozza KIA SHUMA u giet hekk magembi nizzel it-tieqa min kien go fiha, **qalli ara x'ser nghidlek b'rasek ha ddur qalli ghax dik tqila u irrid LM2,000**. U jien ghidtlu LM2,000 min fejn ser ingiblek jien. Qalli ara kif taghmel u gib il-flus. Sakemm qeghdin nitkelmu u kif ser nikkostinja kif ser intih il-flus gew il-pulizija u dan saq b'velocita ghannaha l-ohra u hu gej lura l-Ispettur ghamillu hekk u ghal daqsxejn ma tajrux u daqshekk l-istorja u jien inzilt id-depot.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) Dan ix-xhud gharaf lill-imputat. Huwa in kontro-ezami kkonferma li darbtejn mar Santa Katerina, l-ewwel darba biex jara x'gara biex jghidilha li ma jistax ikollu tfal. Spjega li l-ewwel darba li mar Santa Katerina il-kbira u z-zghira u z-zghira qaltlu li hi tqila. Qatt ma talbuh flus. It-tieni darba z-zghira ma gietx u giet il-kbira u din meta grat il-bicca tal-pulizija. Mistoqsi kif grat qal li gew bil-miexi l-garaxx San Gwann u qalulu li jridu jkellmuh urgenti illejla. Ghaddiet qisu gimgha bejn l-ewwel u t-tieni darba. Jghid li mar ha jara x'gara kif jista' jkun li tqila. Jghid li z-zghira qatt ma ra qabel u l-ohra '*Rajtha xi darbtejn.*' Jghid li '*Il-Gzira jista jkun li mort darba maghha.*', mar izjed minn darba l-Gzira. Meta mistoqsi mill-Qorti jekk ma Josette mar iktar minn darba wiegeb li '*Mort darba ohra.*' *Ma jiftakarx kemm.*' Mistoqsi '*Aktar minn darba mort?*' wiegeb '*Darbtejn iva*' Mistoqsi '*Aktar minn tlieta mort?*' wiegeb '*Issa daqshekk.*' U rega mistoqsi '*Zgur?*' wiegeb '*Tlett darbiet. Mort aktar minn tlett darbiet.*' Ikkonferma li ilu sena zgur minn meta beda jmur maghha. Ikkonferma li kull meta mar maghha hallasha. Jghid li Santa Katerina t-twila ma gietx tkellmu kemm qaltu '*wasalt u f'daqqa wahda giet il-KIA.*' Spjega li '*Giet il-KIA u nizzel il-hgiega u qalli trid taghtini LM2,000 ghax dik il-qasira hija tqila u b'rasek idur.*' Beza u qallu '*Intihomlok.*' Arma ma urihx izda qallu li jaqtalu rasu. In kontro-ezami fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) insista li l-appellant kien heddu li jaqtalu rasu. Huwa qal li darba mar Santa Katerina. Gew il-garaxx u qalulu li ghandhom bzonn ikellmuh, imbghad telaq ghax kellu bzonn imur jixtri l-ispare parts cemplulu u qaltlu li ghandhom bzonn

jiltaqa mieghu fejn l-isptar Santa Katerina. It-tieni darba fuq il-mobile qalulu. Minn meta cemplulu fuq it-telefon biex imur Santa Katerina ma jiftakarx ghal meta kellhom jiltaqghu izda ma kienx hemm tul hafna. Mistoqsi gietx il-garaxx meta qaltlu biex imur Santa Katerina qal li le fuq il-mobile, qaltlu li ghandha bzonn tkellmu ghax wahda minnhom harget tqila. Huwa rega gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien hemm fil-karozza. Insista li '*Qalli LM2,000, taf x'ghamilt hemm wahda minnhom tqila, LM2,000. Nizzel il-hgiega u ghajjatli minn gol-hgiega. jien dahhalt rasi. Ghax imbghad qal kelma ohra li jien ma naccettahiex*' u cioe' li '*inkella naqtalek rasek.*' Huwa rega insista li Santa Katerina darba mar. Din il-Qorti ghalhekk tinnota li meta Mario Axiaq xehed l-ewwel darba huwa qal li mar darbtejn Santa Katerina u li dwar it-tieni darba kienu marru bil-mixi l-garaxx San Gwann u qalulu li jridu ikellmuh urgenti llejla filwaqt li meta xehed in kontro-ezami madwar tlett snin wara huwa insista li darba mar Santa Katerina u qal ukoll li kienu cemplulu fuq it-telefon biex jiltaqghu Santa Katerina. Mario Axiaq xehed li t-twila kemm qaltlu '*Wasalt*' u f'daqqa wahda waslet il-vettura Kia shuma hdejhom. P.S. 1152 Manuel Saliba li kien qieghed josserva dak kollu li beda jigri spejga li ' '*X*'*s-6:10 p.m. osservajt karozza mini-minor diehla u din il-persuna li kienet qed tistenna hdejn l-entratura u qishom bdew jitkellmu. Ftit sekondi, kwazi minuta ghaddiet u l-karozza li kienet ipparkjata faccata li hija JOS 666 Shuma dahlet fil-parking u ipparkjat hdejn dawn iz-zegw persuni li kienu qed jitkellmu.*' Din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Angelo Caruana fejn spjega li Mario Axiaq qallu '*giet Josette u qaltlu li ser ikellmu huha. Ghax dan l-imputat kien jimperonifika lilu nniffsu bhala hu Josette. U fil-fatt giet karozza wara ftit u dan qallu isma trid taqlaghli elfejn u dan qallu isma jien ma nistax ikolli tfal qallu jien naqtalek rasek u hekk. U dan baqa li jtihomlu. U qallu jtihomlu LM500, LM500 bl-istalments. U qalli imbaghad gejtu intom.*' Din il-Qorti ghalkemm tqis li hemm inkonsistenzi fix-xhieda ta' Mario Axiaq f'dak li sehh qabel dak in-nhar li intervjenew il-Pulizija fis-sens li l-verzjoni moghtija in kontro-ezami fl-erbgha (4) ta'Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) mhijiex identika ghal dik moghtija meta xehed l-ewwel darba izda fiz-zewg drabi li xehed, dan ix-xhud jinsisti li l-appellant talbu elfejn lira ghax wahda tqila u li gie anke mhedded mill-appellant.

Carmel Agius fix-xhieda tieghu tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) gie mistoqsi dwar rapport li ghamel fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn

(2000). Spjega li gieli jinzel il-Gzira u gieli ihallas biex imur jaghmel is-sess u kien imur ma' Josette qisu darba f'xahar. Jghid li cemplitlu ghal habta ta' Novembru, Dicembru tas-sena l-ohra u qaltlu li riditu. Iltaqghu qisu wara xi tlett ijiem u qaltlu li hi pregnant u hu emina. Qaltlu li l-ispiza tigi LM4000 biex taghmel abbort u qaltlu li trid LM1500, mar jislifhom u tajhoma. Wara qisu gimgha regghet cemplet u qaltlu li trid LM1,500 ohra ghax ghandha ftit kumplikazzjoijiet, rega tajhomla u regghet cemplitlu u qaltlu li trid LM1000 ohra u tajhomla ukoll. B'kollox haditlu LM10,000. Xehed li Josette kienet iccemplitlu u gieli jinstema lehen ta' ragel u meta jkun niezel jaghtiha l-flus kien jara karozza pparkjata u cioe **<u>KIA SHUMA blu JOS 666</u>**. Mistoqsi jekk jaghrafx lir-ragel hawnekk wiegeb li xaghru baxxa u nuccali tax-xemx iswed skur. In kontro-ezami jghid li qatt ma kellmuh hlief Josette, hi biss kienet tkellmu. Xehed li l-persuna hawnhekk personali qatt ma kelmitu. Meta Charles Agius xehed in kontro-ezami fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) spjega fost affarijiet ohra li l-kaz beda b'telefonati anonimi u jcemplulu ghal flus kien ghall-ahhar ta' Novembru u bidu ta' Dicembru ta' tlett snin ilu. Jghid l-ewwel kellem surgent u li l-kaz ilu sentejn. Jghid li Doris kienet tkun ma' Josette. Xehed li giet aktar minn darba u li kull meta kien jiltaqa biex jaghtiha l-flus, kienet tigi maghha darba giet u qaltlu li Josette msiefra marret biex taghmel l-abbort u giet hi ghal flus.

Vincent Borg xehed fis-seduta tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) fejn mistoqsi dwar li ghamel rapport fil-hdax (11) ta' Marzu spjega li kien involut ma mara tat-triq u ghal habta ta' Awissu kien qieghed qadja fuq ix-xoghol il-Gzira u giet din Josette u waqfitu u riedet tkellmu. Mar warajha u marru Manoel Island u qaltu li kien ser ikollha tarbija minnu. Jghid li qaltlu li trid il-flus u semiet xi LM4,400 u kien taghha LM600 dak in-nhar. Beda ir-rikatt ta' flus. B'kollox haditlu LM12,000. Spjega li '*nehhejt il-mobile ghax kienet qed iccempilli spiss imma imbaghad bdew rikatti ohra karti kont nircievi mal-windscreen. U karti li kienu jitftughum quddiem il-bieb tad-dar u dan gieli sabet karti l-mara u anke t-tifla u dan qattghet minhom u barra hekk kien hemm rikatti ohra ghax bdew telefonati d-dar.*' Kien icempel certu wiehed Pawlu ghan-nom taghha. Josette kienet tigi ma ohtha li tghid li kienet ohtha ghax hu ma jafiex, f'karozza FIAT DOR-222 ta' kulur blu. Spjega li ghal habta ta' Jannar cempillu dak li jghid li hu Pawlu kien cempillu s-Sibt u ried ikellimni l-Hadd cioe' mhux hu imma Josette.

Qallu li ma jistax u mar il-Hadd. Giet Josette go din il-Fiat blu u wara li bdiet tkellmu u qaltu li ser jirrangawla biex issiefer ***'u wara ftit nara karozza ohra gejja b'ragel go fiha u din keient KIA SCHUMA blu skura u dan waqaf quddiem il-karozza u beda jiehu xi ritratti.*** *U hi qaltli dan tibza xejn dan hija. Dan ir-ragel qatt ma rajtu u din kienet l-ewwel darba li rajtu.*' (Sottolinear u emfazi mizjud minn din il-Qorti.) Jghid li kien b'nuccali tax-xemx, bhala tul ma jistax jghid u xaghru qasira bin-nokkli. Spjega li kien cempel lil Pawlu u qallu li ma jistax ikun jibqa sejjer hekk u staqsieh kemm hallas u qal li LM12,000 u qal li min ghandu mhux ser jerga jitlob aktar flus. Fil-line up huwa kien ghazel in-numru sitta (6) u sebgha (7). In kontro ezami fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) mistoqsi '*Ara nghidlek sew li dik il-persuna li qeghda bil-qeghda hemm hekk gol-karozza zgur mhux hi kienet*' wiegeb '*Heqq jiena milli nista, l-ewwel darba li rajtu dan min hu x-Sur Xuereb jew min hu rajtu darba fil-karozza, il-bqija qatt ma kelli kuntatt mieghu, hlief kont nircevi telefonati d-dar George biex naghmel hekk u naghmel hekk. That is all, il-bqija darba biss dan il-bniedem jigifieri rajtu fil-karozza. Gie quddiem il-karozza tieghi.*' Jghid li '***jien mix-xebh tieghu huwa s-Sur Xuereb*** issa'. Jghid li mix-xebh hu s-sinjur. Xehed li gieli cempillu xi hadd jghid li hu George. Jghid li kien bniedem b'xaghru naqra nnukklat. Jghid li kellu camera quddiemu ghax gibed ir-ritratt. Ghalhekk jirrizulta li dan ix-xhud in kontro-ezami xebbah lill-akkuzat mal-persuna li ra fil-karozza u cioe' dak li gibed ir-ritratti.

Pawlu Buttigieg xehed fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) fejn spjega li kien mar post mhux xieraq u iltaqa ma Josette u wara sentejn li mar maghha fejn f'sentejn kien mar darbtejn, kien qieghed jahdem il-Belt is-suq u ghaddiet minn quddiemu u bdiet tghajjat li ghandha bzonn tkellmu mara ma jafx min hi u qaltlu li Josette cempillha hawnhekk u taghtu numru tat-telefon fuq bicca karta. Qaltlu li ghandha bzonn tkellmu u iltaqghu fejn il-Phonenicia u qaltlu li ghandha bzonn LM500 min ghandu ghax ser ikollha tarbija, wara sentejn huwa kien jaf li mhux vera imma '*minhabba l-kunfidenza tieghi personali qbadt LM500 u tajthomla. Wara li tajtha LM500 regghet cempiltli u qallti ghandi bzonn inkelmek u talbitni LM700 ohra. U ergajt tajthomla u wara li tajtha LM700 waa gimgha regghet cemplitli qaltli ghandi bzonn LM3000.*' Regghet cemplet u taghha LM3000, ghaddiet gimgha u regghet cemplitlu u

qaltlu li jekk ma jtihiex LM3,000 hazin jaghmel u rega mar igibilha LM3000 ohra. Regghet cemplet u qallu li ghandha bzonn LM3000 u qalilha li le daqshekk u qabad it-triq u mar ghand il-pulizija. Jghid li l-Ispettur laqghu maghha u cahdet li mhux vera. Wara xi xahar, gie l-pulizija u qallu li ghandu bzonn ikellem l-Ispettur u mar ghand Spettur mara u taghha d-dettalji kollha kif inhuma. Spjega li LM3000 kien taghhom lil wiehed ragel meta ltaqa mieghu hdejn tal-Karmnu izda ma jahsibx li jgharfu ghax kien dlam cappa b'rasu baxxuta. Fil-line up ma kien gharaf lil hadd u lanqas fl-awla.

Allegata vittma ohra li xehed kien Nicholas Zarb. Ghalkemm l-Avukat difensur fil-kontro-replika tas-sottomissjonijiet orali quddiem l-Imhallef Mizzi fit-tlieta (3) t' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) skont it-traskrizzjoni issottometta li dan ix-xhud ma xehedx, filfatt jirrizulta li xehed. Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) Nicholas Zarb spjega li fl-erbgha (4) ta' Marzu ta' din is-sena mar ma prostituta u hallasha LM10 u meta spicca hareg barra u mar lura fil-karozza u fuq il-windscreen kien hemm tikketta. Hu ma jafx x'isimha l-prostituta. Fuq it-tiketta kien hemm miktub '*cempilli urgenti u kien telephone tal-mobile*'. Huwa gharaf dok NZ. Spjega li tal-biro l-original u hu kieteb it-telepone number tal-Ghassa tal-Belt. Prova cempel il-Hadd u ma qabadx, ipprova darba it-Tnejn u t-Tlieta. Xis-6:00pm habbat il-bieb u ra dawn iz-zewg nisa wara l-bieb tad-dar tieghu. Li mar maghha ma kinitx wahda min-nisa. Spjega ukoll li l-karozza li kellha l-biljett imwahhal kienet registrata fuqu. Wahda minnhom kienet tidher tqila u wahda min-nisa qalet lill-ohra '*dak hu.*' L-ohra qaltlu mhux it-tqila, li riedu jkelmuh u qalilhom li bhalissa ma jistax u ftiehem li jiltaqghu fis-7:00pm Sant'Iermu. Qalulu li mar maghha u li din tqila u qalilha zgur li le ghax ma marx maghha. Saqsewh '*inti nhar ta hadd mort ma wahda u ghidt iva. Qaluli ghandna r-ritratti li int mort maghha*.' Saqsewh ghal LM2000 ghax din hija tqila u tmur taghmel l-abort l-Ingilterra qalilha '*u jekk jien ma rridx inhallas qaltli inxandru r-ritratti.*' Hu ma rax ritratti. Qaltlu li jigi missierha u huha ghalih. Jghid li joqghod mal-genituri u daqsxejn xjuh u qal lanqas haqq naghmlilhom daqshekk problemi u mar lura d-dar. Spjega li mar l-Ghassa tal-Belt u qalilhom bl-istorja, mar id-dar u kien qed ikellem lil missieru u qallu li gew dawn iz-zewg nisa ghax hu ma marx ghall-appuntament bil-flus. Qallu li gew u saqsew

ghalih, qalilhom li int xoghol l-iskola u qal dawk zgur marru l-iskola u cempel l-iskola, tkellem mal-kap tad-dipartiment tieghu u qallu li kien hemm tnejn isaqsuh ghalih. Dak il-hin hareg u sabhom hemm. Kellu t-telephone number u cempel mid-dar u irrispondiet dik li mhux tqila, qaltlu li trid tiltaqa mieghu u ftehmu ghal hdejn il-perfection fil-kwarta. Qalilha li ma ghandux flus bhalissa u bdiet tghajjar u theddu kemm bir-ritratt, b'missieru u dik li kienet tqila u beza hafna u mar il-bank igib LM2000 u tajhomla f'Bounty Street. Xil-5:00pm rega mar l-ghassa tal-Pulizija il-Belt u qalilhom x'kien gara. Meta taghha l-LM2,000 staqsiha fejn huma r-ritratti u qaltlu jiltaqghu fis-6:00pm, niezel hemm akkompanjat mal-ispettur u membri tal-iskwada tieghu izda din ma tfaccatx. Umbghad kien identifika lil Josette il-Gimgha. Xehed li ra li kienet tqila barra l-awla u lill-ohra filghodu izjed kmieni. In kontro-ezami qal li kellhom atteggjament pjuttost aggressiv kienu qed jhedduh minhabba ismu u li fil-futur jekk ma jhallas li seta jkun hemm vjolenza fizika. Jikkonferma li l-atteggjament tista' tghid li kien kwazi kwazi maskili u ma dehrux imbezzghin minghand hadd.

Marco Mallia[12] li xehed fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) spjega li kien mar darbtejn il-Gzira u kien hemm mara Josette u taghha l-flus. Talbitu l-flus Hal-Lija. Qaltlu li kienet tqila u taghha LM8,500 fi tlett darbiet ghax beza ghax qaltlu li ser tmur tghid lill-gharusa u filfatt saret taf l-gharusa. Bejn meta mar il-Gzira ghal meta giet tfittxu u qaltu li tqila ghaddew xahrejn, tlieta. Kien jaghtihomla l-Mosta fuq il-pont u darba Ta' Xbiex. Huwa ma gharafx lill-imputat. Marco Mallia in kontro-ezami fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) fejn spjega li Josette kienet dejjem gejja ghal flus u li kien haduh d-depot u ghamlu wara hgiega u kellu jarafx sew xi 6 jew 5 irgiel u qallu le. Dan il-kaz ilu xi tlett snin. Id-data ma jiftakariex. Meta xehed jghid li kien ilu gimgha zgur, xi xhur. Nesa kemm kien ghadda zmien minnn meta mar maghha ghal meta qaltlu li tqila.

Ghalhekk jirrizulta li xehdu sitt vittmi u cioe' Mario Axiaq, Vincent Borg, Pawlu Buttigieg, Marco Mallia, Nicholas Zarb u Charles jew Carmel Agius. Seduta stanta kien Mario Axiaq li gharaf lill-imputat filwaqt li Vincent Borg kien in kontro-ezami

[12] Fit-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu tal-10 ta' April, 2001 huwa imnizzel bhala 'Mario Mallia' izda skont dak li jirrizulta mill-verbal tad-29 ta' Settembru, 2004 l-isem kellu jaqra 'Marco'.

xebah lill-appellant mal-persuna li ra jiehu r-ritratti mill-vettura filwaqt li semma l-isem 'George'. Pawlu Buttigieg minn naha l-ohra ghalkemm ma gharafx lill-imputat jghid li kien anke ghadda tlett'elef Maltin (LM3,000) lir-ragel gewwa l-Belt ghalkemm dan kellu rasu baxxuta. Nicholas Zarb, Marco Mallia u Charles jew Carmel Agius ma gharfux lill-imputat. Carmel Agius izda xehed li Josette kienet iccemplitlu u gieli jinstema lehen ta' ragel u meta jkun niezel jaghtiha l-flus kien jara karozza pparkjata u cioe **<u>KIA SHUMA blu JOS 666</u>**. Mistoqsi jekk jaghrafx lir-ragel hawnekk wiegeb li xaghru baxxa u nuccali tax-xemx iswed skur.

Ikkunsidrat;

L-imputat George Xuereb minn naha tieghu cahad li kien huwa li baghat lin-nisa jirikattaw lin-nies jew li kien hu li rrikattahom. Huwa xehed fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u kkonferma l-istqarrija rilaxxati minnu a fol 22 tal-process. Ghalkem din l-istqarrija ittiehdet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) u ghalhekk fi zmien meta suspettati ma kellhomx dritt jikkonsultaw ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, l-appellant ma ressaqx sottmissjonijiet dwar l-inammissibilita' ta' din il-prova, anzi jikkonfermaha u ghalhekk din il-Qorti qieghda tqisha bhala prova ammissibli.

F'din l-istqarrija fost affarijiet ohra kien stqar li '*Meta jien ghidt lil din il-mara li cemplitli d-dar, din qaltli biex inwassalha ftit fejn kellha tmur. Jiena accettajt. Ghidtilha li ma kellix karozza biex nigi u hi qaltli sabiex nigi bis-Shuma. Jien ghidtilha kollox sew u ghaddejt ghaliha. Meta rikbet din il-mara qaltli li riedet tmur H'Attard fejn l-isptar ta' Santa Katerina. Din il-mara qaltli tghaggilx ghax ghadu l-hin. Meta wasalt fejn dan l-isptar pparkjajt fejn il-bust tal-Papa li hemm quddiem l-isptar ta' Santa Katerina. Waqt li kont hemm din il-mara regghet qaltli li hemm hekk kellha tiltaqa mal-habiba taghha u li din kellha ggibilha dawk ic-cpiepet li kienet silfitha. Ftit wara din il-mara nizlet mill-karozza u marret faccata mac-cint tal-isptar ta' mat-triq. Qabel nizlet kont ergajt ghidtilha li ma stajtx indum ghax kont miftiehem man-nies. Din il-mara qaltli li ma kinitx ser ddum. Wara ftit rajt lil din il-mara diehla fil-parking area ta' dan l-isptar. Dak il-hin rajtha titkellem ma ragel. F'dak il-hin ukoll cempilli France Camilleri li kont mftiehem mieghu u qalli inti sejjer thallini*

*nistenna u jien ghidtlu biex jibqa jistennieni ghax dalwaqt kont ser nigi. Meta qtajt minn ma dan France cemplitli Josette ta' Haz-Zabbar u staqsietni jekk kontx gejt u jien ghidilha sabiex tistennieni naqra ohra ghax zgur kont ser mmur. Wara li qtajt minn ma Josette startjat il-karozza u dhalt fil-parking area ta' l-isptar fejn kien hemm dik il-mara li wasslatha jien u li kienet ghadha titkellem ma dan ir-ragel. Meta wasalt hemm bir-rabja jien ghidt lil din il-mara "hejja ghax sarli l-hin." Dak il-hin dar lejja dan ir-ragel u qalli "x'gara?" "Xi trid? Jien ghidtlu mhux lilek qed inkellem imma lil din' F'dak il-hin xi hadd fetahli l-bieba tal-karozza u jien inhsadt u suqt l-isfel. Dawwar fil-parking area ta' dan l-isptar u dak il-hin rajt lilek f'nofs it-triq tal-parking. Rajt li kien hemm karrozza fin-nofs ukoll u peres sli dak il-hin gharaftek soqt ghall-hdejk u tfajt mal-bankina w kellimtk u ghidtlek li kont hsatni u li ma' kontx gharaftek kif fil-fatt kien.'*

L-imputat fix-xhieda tieghu spjega fost affarijiet ohra li kien iltaqa mal-kugin ta' Josette Ben Milend li jismu Charles McKay li kien talbu xi flus u kien laqhgu ma Josette u ma setghax jislifha l-ammont li talbitu. Jghid li ghandu l-kuntrati, talbitu xi LM6000 jew LM4000 u ikkonferma li l-iskrittura saret ghand in-Nutar Antoine Agius. Iktar tard kien hemm skrittura ohra privata fejn kien taghha jekk mhux sejjer zball xi LM7000. Kien zamm il-vettura bhala garanzija ghand in-Nutar Mary Cutajar, Hal-Safi. Jghid li kellha hafna djun ma hafna nies u li kienet semmietlu certu wiehed il-Bona, iehor mill-Belt u hafna nqaqar lil hawn u lil hemm. Mistoqsi jekk jaf kemm kienu l-ammonti wiegeb li kienet issemmi xi LM50,000. Dwar l-episodju ta' Santa katerina qal li lil Mario Axiaq ma jafux ma kienx jaf li Josette Ben Milend talbitu l-flus. Kien jaf li hi prostituta. Cahad li f'xi hin hedded lil Mario Axiaq. Ma kellux raguni ghalfejn jheddu. Lil Doris Scerri raha darba maghha qabel il-kaz ta' Santa Katerina pero' qatt ma kellimha. Kien raha f'karozza ma Doris u cioe' fiat punto blu DOR 222. Qal li qatt ma ghamel dawn l-affarijiett u li ma ghandu x'jaqsam xejn ma dan il-kaz. Qatt ma ccekja licenzji u numri. Jghid li dak iz-zmien fuq il-licenzja kien ikun hemm id-dettalji kollha u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li bniedem jiehu n-numru biex isib fejn joqghod u x'jismu u kunjomu. Jghid li hemm persuna li gieli ghamlet dawn l-affarijiet ukoll ma Josette ghax tqabbadha Josette pero ma jixtieqx isemmi isimha ghax jghid li l-pulizija dejjem thedded lix-xhieda tieghi. Xehed li jiftakar li darba selifilha l-karozza biex taghmel xi qadi biha u kienet laqtet xi karozza

ohra bir-reverse. Jahseb li tahielha xi 5-6 darbiet. Qal ukoll li x-xhud Charlie Agius hu minn Hal-Qormi u kien qal li jara l-karozza Shuma fi triq Hal Qormi u qal li f'side street toqghod ommu. Ma kienx jaf li joqghod fl-istess triq. Ma jaf lill-ebda mill-irgiel. Dak in-nhar ta' Santa Katerina kien miftiehem ma certu Josette u Frans Micallef u jghid li t-telefon number taghhom recorded fit-telecel li hadlu l-Ispettur u gieghel lill-Ispettur hu stess biex jiccekjahom, jghid li ma jiftakarx x'numri kellhom, wiehed fil-5:00pm u ohra fil-5:30 jew bil-maqlub. Kien iltaqa ma Josette u ftiehem li ser iwassala ghax il-karozza ma riedx jaghtihielha ghax falliet pagamenti diversi gimghat. Dak in-nhar talbitu LM300 u ma tahiex. Qalet li kellha tigbor xi cpiepet minghand wahda habiba taghha. Ipparkja faccata tal-isptar Santa Katerina, hemm statwa tal-bust tal-papa hemm qisu parking u din il-mara li kienet miftehma maghha li kellha taghtieha c-cpiepet suppost ma gietx. Dawn iz-zewg min-nies li kienu qed jistennew xebghu icemplulu, jghid li cempillu Frances Camilleri jew Micallef u qallu '*mela ser thallini nistenna. Ghidtlu le ibqa stennieni ghax nigi zgur qed tifhem. Kif qtajt minn mieghu cemplitli Josette u qaltli l-istess diskors u ghidtilha ibqa stennieni ghax ser nigi zgur. Issa sa dan it-tant jien startjajt, sa dan it-tant rajt lil Josette titkellem ma ragel u qbadt jien u startjajt u dhalt fil-parking area tal-isptar fejn kienet Josette qed titkellem ma dan ir-ragel. Waqaft u nizzilt il-hgiega tal-passiggier u ghidtilha ejja ghax sarli l-hin. Dan ir-ragel ma kontx nafu jiena. Issa sirt nafu hawn kemm ilu jitla l-Qorti. Dar lejja u gie mal-hgiega u qalli, x'gara? Xi trid? Ghidtlu mhux lilek qed inkellem jien. Lil dik. Fid-daqqa u l-hin, mhux dawwart wicci, dawwart wicci ghax inhsadt, infethitli l-bieba ta' fejn kont jien tax-xufier u kien l-ispettur. Sa dan it-tant ma gharaftux jien. Kelli saqajja wahda fuq il-break u l-ohra fuq il-clutch Sur Magistrat, ghax hemm hekk it-triq naqra ghan-nizla, il-parking qieghed u mal-hasda ghax il-gear kien diga mdahhal, il-gear imdahhal u sieqi fuq il-clutch u l-ohra fuq il-break, il-leminija fuq il-break, bil-qatgha, tlaqt saqqa minn fuq il-break u tfajtha fuq il-gas u tlaqt il-clutch u soqt l-isfel. Meta dawwar indunajt li kien l-Ispettur Caruana fin-nofs u kien hemm karozza Skoda bajda u kien hemm xi tnejn min nies ohra insomma. U tlajt bil-mod u staqsejtu x'gara lis-Sur Caruana u qalli ha narrestak. Hadli t-telecell u qalli biex nitla max-xufieri li kien qed isuq l-iskoda tal-pulizija. Imbghad morna d-depot. Id-depot ried jghamilli stqarrija. Illetikajna naqra ghax hu ried jghamilli mistoqsijiet biss u jien nirrispondieh u jien rrid nghidu l-istorja kollha u fil-fehma tieghu ma riedx joqghod jiehu hafna xoghol. Fl-ahhar wara li kien ghamilli xi ID parade, kont ghidtlu, ergajt ghidtlu li jien ma ghandix x'naqsam ma dan il-kaz u l-ispettur kien rrispondieni qalli, 'Il-pulizija ma ghandhiex x'titlef George'.*

*U kienu ressquni l-Qorti imbghad, l-ghada fil-21 ta' Marzu'*. Jghid li ma jafx kif meta l-Ispettur mix-xhieda tieghu qal lil Josette biex ma titlobx flus, kif hija talbet xorta '*U kif baqghet ghaddejja meta din kienet ilha li giet arrestata fis-7 ta' Marzu minghalija,meta kienet ilha li giet arrestata zmien qabel u baqghet taghmel dawn l-affarijiet.*' Ma jafx kemm kien ilu jmur maghha dan Mario Axiaq, li jaf li ntqal gol-awla. Mistoqsi jekk kinitx habiba ma Mario Axiaq wiegeb '*Jirrizulta, ma tridx tkun iblah, jirrizulta li kienet habiba sew biex jaqdieha f'dawn l-affarijiet. Biex wasal biex inganna lili biex qdieha halli ma thallasnix*'. Dwar il-Bona qaltlu li qed tmur ghand John Rizzo li kien ghadu AC u kienet tghidlu '*issa jirrangah Rizzo lill-Bona.*' Xehed li xi hadd qallu li Josette Ben Milend qalet li lil dawn in-nies kollha nitfahom il-habs li ghandi naghtihom il-flus. Jghid li kienet taqla hafna swat minghand il-Bona. In kontro-ezami dwar dak in-nhar ta' Santa Katerina qal li jista jkun li ghajjatlu b'ismu izda bil-hasda ma jiftakarx. Mistoqsi '*Ara hux korrett jiena. Filli kont hdejk, ismaghni George, Fi x'hin ftaht il-bieba jiena, ghidtlek al right George, f'dawwa wahda, il-bieba . . . . . idejja, il-karozza li kont fiha inti, ma nafx zelqitx sieqek fuq il-gas jew ma nafx, harget gas down*' wiegeb '*Sewwa*', mistoqsi '*U baqghet sejra gas down sa fejn hemm il-barrier. Imma kont diga ccekjajtha il-barrier, kienet imsakkra, u meta inti ma kellekx minn fejn tahrab, dort u imbghad gejt bil-mod. Fi x'hin inzilt mill-karozza 'ha nkellmek sir*' wiegeb li le. Jghid li '*Tlajt bil-mod. Ma tridx tghid li jien u tiela kont ser intajjrek bhal ma qal Mario Axiaq ukoll*' l-Ufficjal Prosekutur qal '*Izgur li le*'. Mistoqsi '*Xi tghid jekk nghidlek li fil-verita inti l-ewwel wahda bqajt niezel gas down tul ta' din l-awla hames darbiet. Meta inti dort ghax wasalt fejn il-barrier, fin-nizla, llum ma ghandhiex hemm, inti waqaft l-isfel, ghidtli 'ha nkellmek sir*' u wiegeb li mhux veru. Jghid li hu staqsieh '*x'gara spettur*'. Mistoqsi ghal mottiv ta' Mario Axiaq wiegeb '*Milli nista nifhem jien, il-motiv tas-Sur Axiaq li jkompli forsi jinqeda b'xejn jew*'. Jghid li '*Il-motiv tal-ohrajn ma nistax nghidek lanqas. Per ezempju ta' Charlie Agius abbli kien l-istess, li beda jindika l-karozza fejn tkun pparkjata ghax hu stess nahseb li ma jafx li ommi toqghod l-istess triq tieghu.*' Jghid li '*le kien korrett mija fil-mija illi l-karozza kienet tkun pparkjata fl-istess triq pero l-isfel hafna,hemm xi 4 side streets ghal fejn joqghd hu. Kien korrett ghax il-karozza kien jgharafha.*' Mistoqsi dwar li fejn l-isptar Santa Katerina kellu nuccali tax-xemx jghid li drawwa tieghu juza nuccali iswed minhabba ghajnejh. Huwa in ri-ezami cahad li qatt kellu x'jaqsam mal-karti u li qatt ma kiteb xi karti.

Meta xehed Charles Mckay fis-seduta tad-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) li qal li huwa l-kugin ta' Josette ben Milend u li kien laqqaha ma' George. Huwa xehed dwar flus li kienet isselfet minghand George u cioe' l-ewwel isselfet LM2000 u halsitu l-LM2000. Xehed li wara kienet giet bzonn xi flus ohrajn u riedet xi LM6000 jew LM7000 u qaltu li thallilu l-karozza tat-tip Kia. Xehed li gieli raha bil-karozza u cioe' bil-Kia. Li kienet qaltlu li ma halsitux. Jghid li qabel kienet tinzel il-Gzira u llum *settled*, li ghandha boyfriend. Jghid li kellha vizzijiet tal-machines, li tilghab il-machines. Josette Bickle xhud in difeza li xehdet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) qalet li ma tafx lil Josette Ben Milend izda meta staqsiet '*Josette it-truxa?*' u l-Avukat wiegeb '*Iva dik hi*', ikkonfermat li tafha u li kellha dejn ma certu Twanny li jsejhulu t-Taljan. Kienet tkun hdejha fuq prostituzzjoni. Mistoqsija jekk kienet ser taghmel xi haga biex dawn il-flus ma taghtihomlux wiegbet li ma tistax tiftakar. Tghid li '*darba harbet u telqet toqghod Bugibba biex tevita li ma thallasx iktar imma s'hemm hekk fhimt ma nafx iktar*'. Tghid li tat l-ahhar pagement ta' LM800 lil Twanny. Dwar ma min kellha dejn tghid li taf b'Twanny u ohra Carmen. Raymond Calleja fix-xhieda tieghu moghtija fl-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed li qabel kien jahdem l-HSBC u dwar Josette Ben Milend xehed li kien mar ihabbat il-Belt biex jippruvaw jaslu bil-kelma t-tajba ma dawn li ma jhallsux u kien kellem lil ommha. Ikkonferma li ghalkemm isem is-sur Xuereb ma jirregistra xejn, jiftakar li gieli hallas ghan-nom taghha ghalkemm ma ghandux idea tal-ammont. Jghid li jahseb li gieli ghamel xi zewg pagament jew tlieta u jahseb dik grat xi tliet darbiet forsi. Ma jistax jghid l-ammont u d-drabi li l-appellant ghamel pagamenti ghal Josette Ben Milend.

Dr Jackie Scerri[13] fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfej u disgha (2009) prezentat rapport maghmul minnha dwar mobile irtirat fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001) izda l-mobile ma tistax issibu. F'dan ir-rapport li jinsab a

[13] Dr Jackie Scerri kienet giet mahtura mill-Qorti fl-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) u dan wara li d-difiza kienet talbet li PS1153 Manuel saliba itella n-numri ta' *incoming* u *outgoing* fuq l-istess mobile u li dan 'jicchargja' l-mobile seduta stante u jinqraw *incoming* u *outgoing* calls maghmula mill-istess u jigu registrati l-hinijiet tal-istess telefonati. Nuccali tax-xemx esebit bhala Dok AC u mobile phone tal-marka Nokia esebit bhala Dok AC1 mill-Ispettur Angelo Caruana fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001). Il-mobile phone u cioe' Dok AC1 kien irtirat minn Dr Jackie Scerri fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001).

fol 489 et sequitur u mmarkat bhala Dok JS dwar il-mobile fil-pussess tal-imputat nizlet l-ahhar ghaxar outgoing u incoming calls li kien hemm imnizzlin.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok din il-Qorti tippuntwalizza li stante li aktar kmieni f'din is-sentenza l-Qorti ddikjarat ix-xhieda in ezami u anke in kontro-ezami ta' Josette Ben Milend u Doris Scerri bhala inammissibli, din il-Qorti waqt li tqis is-sottomissjonijiet tal-appellant maghmulha fl-appell bhala sottomissjonijiet in difeza, ma tistax tqis kwalunkwe referenza li ssir ghax-xhieda ta' dawn iz-zewg xhieda ughal dak li Josette Ben Milend u Doris Scerri kienu qalu fl-istadju tal-investigazzjoni. Din il-Qorti tqis ukoll li minn imkien fl-atti ma jirrizulta li l-flus li Josette Ben Milend kienet tigbor kienu jmorru ghand Jesmond Farrugia. La darba dan ma jirrizultax mill-atti, din il-Qorti ma tistax tqis dan. In oltre' dak li Caroline Magri setghet qalet lill-appellant ma jirrizultax fl-atti stante li kif ikkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza, Caroline Magri baqghet ma telghetx tixhed.

L-appellant jaghmel sottomissjonijeit dwar ix-xhieda tal-Ispettur Angelo Caruana fejn jghid li mhux spjegabbli kif dan jghid li r-rapport beda minn Nicholas Zarb mil-Ghassa tal-Gzira mentri dan irraporta l-Ghassa tal-Belt u li mhux spjegabbli kif ma ttellax jixhed l-Ispettur Camilleri li ghadda l-kaz lill-Ispettur Caruana mentri spetturi ohra telghu. Dwar dan, din il-Qorti tqis li huwa minnu li l-Ispettur Camilleri baqa ma telax jixhed u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li xhieda xehdu li qalilhom l-Ispettur Camilleri. Dwar fejn irraporta Nicholas Zarb, l-Ispettur Angelo Caruana ma xehedx li dan irraporta mill-Ghassa tal-Gzira. Huwa xehed li '*fis-7 ta' Marzu 2001 jien kont duty officer ic-CID u kont il-Qorti u gejt informat mill-Ispettur Camilleri tal-Belt li kien hemm ragel li kien ghadu kif qallu illi dak in-nhar kien l-erbgha illi l-Hadd ta qabel kien mar ma mara l-Gzira ghal affarijiet ta sess...*' Xehed li '*Dan mar il-Hadd u l-istorja kienet it-Tlieta. Jien smajt l-erbgha u kif qed jghidli l-Ispettur Camilleri mar il-Gzira u sab din in-nota mal-windscreen jumejn qabel.*' Nicholas Zarb fix-xhieda tieghu tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) xehed li mar l-Ghassa tal-Belt.

L-appellant issottometta ukoll li ghalkemm jghid li l-Ispettur Caruana fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) kien armat b'camera, dak registrat b'din il-camera ma ngiebx il-Qorti. Kuntrarjament ghal dan, jirrizulta li gew prezentati ritratti f'envelope a fol 29 immarkat bhala Dok AC2. Fuq dan l-envelope hemm imnizzel '*10 hotos taken by Ps1152 whilst in the parking area of St. Catherine's Hospital attard during his observations on the 20/3/01*' Dawn gew esebiti mill-Ispettur Angelo Caruana . Huwa kien xehed li '*nixtieq nesebixxi ghaxar ritratti li ha il-P.C. 1152 u li qed jigu esebiti bhala DOK AC2.*' P.S.61 Josef Ciappara li xehed fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) spjega x'gara fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) fejn fost affarijiet ohra spjega li kien hemm vettura tat-tip Kia Shuma blu bin-numru JOS 666 startjata imma wieqfa thares in-nahata isfel gol-parking area. Waqqaf lis-Sur Caruana maghha, niezel is-Sur Caruana u kif mar fuq id-driver, saq f'daqqa. Hu kien ghalaqlu t-triq imbaghad hu dawwar u meta gie lura islowja u waqaf wahdu. P.S. 1152 Manuel Saliba xehed fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) fejn spjega fid-dettal dak li ra inkluz li l-passigiera kienet qed tistennafejn l-etrance. Osserva xis-6:10 karozza mini minor diehla u din il-persuna li kienet qed tistenna hdejn l-entratura u qishom bdew jitkellmu. Ftit sekondi, kwazi minuta ghaddiet u l-karozza li kienet ipparkjata faccata li hija JOS 666 Shuma dahlet fil-parking area u pparkjat hdejn dawn iz-zewg persuni. Jghid li l-Ispetur waqqaf din il-karozza u hekk kif l-Ispettur mar hdejn din il-karozza, ra lil din il-karozza timxi l-isfel bi speed mhux hazin eccessiv u dawret l-isfel u regghet telghet, waqfet hdejn l-Ispettur. Irrizulta li kien hemm George Xuereb fil-karozza u Josette Benmilland li kienet li harget tistenna fejn il-gate u kien hemm Mario Axiaq. Mistoqsi dwar xi ritratti wiegeb dwar identity parades u xehed ukoll dwar '*DOK AC 2 li huma l-ghaxar ritratti li hadt jien waqt li kont qed naghmel l-osservazzjonijiet. Dawk jien hadthom.*' Ghalhekk ghalkemm ma jirrizultax li l-camera giet ipprezentata, gew ipprezentati dawn ir-ritratti u kkonfermati mill-persuna li hadithom. Din il-Qorti tinnota li dawn ir-ritratti ma tantx huma cari.

Skont l-appellant, meta Josette cahdet li kienet qed titlob flus minghand Pawlu Buttigieg, kienet ghadha ma ffurmatx il-pjan li tibda twahhal f'George Xuereb. L-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn

u wiehed (2001) xehdet li kien gie certu Pawlu Buttigieg li ghandu hanut tal-laham gewwa s-Suq tal-Belt u deher ecceitat u beda jibki u qallu li qed jigi rikattat minn certu Josette li toqghod il-Belt. Qalilha li mar il-Gzira biex jinqeda sesswalment u dan kien fis-sajf tal-elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) u xi tmien xhur wara beda jigi rikattat minn Josette. Li mara marret il-hanut u qaltu sabiex icempel lil Josette u wara li cempel talbitu LM500 ghaliex kienet tqila minnu. Beza li jinkixef mal-mara peress li kienet marida serjament bil-kancer u qal li beza minn hutu peress li jafdawlu l-business tal-laham u ta l-LM500. Sussegwentment bdiet iccempel u tirrikattah ghal aktar flus u b'kollox qal li taghha cirka s-somma ta' LM7000. Marret il-Belt ghand ommha u qaltilha li Josette ma kinitx hemm dak il-hin u qalet lil ommha biex l-ghada fl-10:00am tkun l-ufficju altriment kienet se tmur ghal Josette hi. Xehdet li kienet hemm qabel 10:00am u cahdet l-alegazzjonijiet maghmulha fil-konfront taghha minn dan Pawlu Buttigieg. Qalilhom li ma ridx li l-pulizja jiehdu passi kontra Josette stante li l-mara hija marida serjament. L-Ispettur Louise Vella fost affarijiet ohra infurmatha li kienet qed tinvestiga kazijiet simili mal-Ispettur Angelo Caruana.

L-appellant jissottometti ukoll li ma dahal f'xejn f'ta Mario Mallia. Isem dan ix-xhud ghandu jaqra 'Marco' Mallia. Marco Mallia filfatt xehed li dejjem lil Josette ta l-flus u ghalhekk ma ccentra mkien l-appellant f'dak li jirrigwarda Marco Mallia. Jissottometti ukoll li Nicholas Zarb xehed li xejn ma kien jindika li kienu imbezzghin minn xi hadd. Din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Louise vella moghtija fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) fejn spjegat li fid-disgha (9) ta' Marzu waqt patrol fil-Gzira man-nies taghha tal-Vice Squad hadu lil Nicholas zarb biex jara jidentifikax lil din il-persuna u ra lil Josette Benmilland. Ghalhekk dan kien indika lil Josette BenMillend izda ma giex identifikat l-appellant minnu.

L-appellant jghid li hadd ma identifikah u jghid ukoll li qatt ma kellu xaghru nokkli. Din il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li Mario Axiaq identifikah. Vincent Borg fix-xhieda tieghu kien semma lil certu Pawlu u ma kienx identifika lill-appellant ghalkemm kien jghid li l-persuna fil-vettura li ha ritratti '*Kien qieghed fil-karozza b'nuccali tax-xemx jigifieir bhala tul ma nistaghax nghid u xharu qasira bin-nokkli.*' Kien

anke indika il-persuni bin-numri sitta (6) u sebgha (7) meta sar l-identity parade. Huwa in kontro-ezami kien semma l-isem George u kien anke xebbah lill-appellant mal-persuna li kien hadlu ritratti. Pawlu Buttigieg ma identifikax lill-appellant izda jghid li kien ta LM3000 lir-ragel il-Belt, dan ir-ragel kellu rasu baxxuta u kien id-dlam. Minn naha l-ohra Charlie Agius ma identifikax lill-appellant ghalkemm jghid li kien jara l-vettura Shuma ipparkjata fejn kien jiltaqa biex ihallas il-flus lil Josette filwaqt li Nicholas Zarb ma identifikax lill-appellant u ma semma l-ebda ragel involut fir-rikatt. Mario Mallia ukoll ma identifikax lill-imputat. Din il-Qorti tqis li mix-xhieda tal-appellant huwa evidenti li ghalkemm il-vettura Kia Shuma bin-numru ta' registrazzjoni 'JOS 666' kienet f'isem Josette Ben Milend, din kienet principarjament tkun ghand l-appellant. Christopher Darmanin li xehhed fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) skrivan il-licenzi ikkonferma li l-vettura JOS 666 ila registrata f'isem Josette Ben Milend mill-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf, disa mija u disgha u disghin (1999) u li l-licenzja skaduta minn Ottubru tas-sena elfejn (2000). Peress li Vincent Borg ma kienx originarjament identifika lill-appellant meta xehed u fil-line up kien indika zewg persuni, minkejja li identifikah in kontro-ezami, din il-Qorti ma thoss serhan tal-mohh li tistrieh fuq din it-tip ta' identifikazzjoni gialadarba l-identifikazzjoni ma saritx meta Vincent Borg xehed l-ewwel darba. Minn naha l-ohra ma ghandhiex dubju li kien l-appellant li kien gewwa Santa Katerina fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001), kif wara kollox lanqas l-appellant ma jichad dan.

Dwar Mario Axiaq, l-appellant jissottometti li jew Axiaq dahal komplici ma' Josette u Doris fil-hrafa taghhom mill-bidu sal-ahhar jew inkella wara li dawn irrikattawh ftehmu mieghu biex il-htija tinqaleb fuq l-appellant. Jghid li kemm Josette Ben Milend u anke Doris Xerri jghidu li talbuh il-flus u skond Axiaq dawn ma semmghux flus. Kif gia inghad din il-Qorti ma tistax tqis ix-xhieda ta' Josette Ben Milend u Doris Xerri u ghalhekk trid toqghod fuq il-kumplament tal-provi li jirrizultaw fl-atti. L-appellant dwar Carmel Agius li xehed li kien ikollha ragel jistenniha fil-karozza, l-appellant jghid li minn zmien ghal zmien Josette kienet tuzaha din il-vettura. L-appellant jghid li mhux stabbilit meta sehh ir-reat jekk qabel jew wara li l-Kia hadha l-appellant izda if kwalunwke kaz kien hemm okkazjoni

meta l-appellant kien ha pussess tal-karozza Kia izda li kien minn zmien ghal zmien jaghti din il-karozza lil Josette biex tuzaha. L-appellant jaghmel ukoll sottomissjonijiet dwar Vincent Borg li ma gharafx lill-imputat u semma li kien icempillu wiehed Pawlu filwaqt li in kontro ezami jghid li kien icempillu xi hadd jismu George. Dwar dan, din il-Qorti diga kkunsidrat li gialadarba dan Vincent Borg meta xehed l-ewwel darba ma kienx identifka lill-appellant u lanqas ma semma l-isem George, ma hijiex sejra tistrieh fuq l-identifikazzjoni maghmulha in kontro-ezami snin wara.

Din il-Qorti tqis li kif jghid l-appellant Mario Axiaq jghid li n-nisa ma talbuhx flus., mar Santa Katerina biex jara kif inhi tqila wara tlett' ijiem jghid li la regghu gew mhux sinjal li hemm xi haga li ser jirrikattawh. Din il-Qorti tqis li huwa veru li Mario Axiaq huwa l-unika persuna fejn irrizulta mill-atti li l-appellant kien niezel jheddu biex ihallas LM2000 izda jirrizulta ukoll li Pawlu Buttigieg kien ukoll hallas flus u cioe' LM3000 lil ragel izda dan ma gharfux. Jirrizulta ukoll li diversi xhieda xehdu li kienu lemhu l-vettura Kia Shuma blu u rrizulta ukoll mix-xhieda tal-appellant li ghalkemm din kienet f'isem Josette Ben Milend, diversi xhieda ukoll xehdu li r-ragel li kien ikun fil-vettura kien ikun liebes nuccali tax-xemx. Minkejja dan din il-Qorti tqis li dawn huma provi indizzjarji izda li mhumiex konklussivi u ghalhekk ma tistax tqis b'certezza li l-appellant kien il-mohh wara r-rikatti li soffrew numru ta' irgiel. Ghalhekk mill-provi ma jirrizultax sufficentement ippruvat li l-appellant kien irrikatta lil Vincent Borg, Pawlu Buttigieg, Nazzareno Zarb, Charles Agius u Marco Mallia stante li x-xhieda ta' Doris Xerri u Josette Ben Milend hija inammissibli u ghalhekk mill-kumplament tal-provi ma jirrizultawx provi sufficenti li l-appellant kien involut f'dak ir-rikatt.

Din il-Qorti trid ghalhekk tqis jekk tirrizultax l-ewwel imputazzjoni f'dak li jirrigwarda l-vittma Mario Axiaq. L-appellant bhal donnu jrid jinsinwa li din hija frame up sabiex Josette Ben Milend ma thallas l-allegati djun li jghid li hija ghandha mieghu u li bhal donnu jallega li Mario Axiaq dahal komplici fil-pjan ta' Josette Ben Milend. Din il-Qorti izda ma tqis li minkejja l-inkonsistenzi bejn ix-xhieda in ezami u kontro-ezami ta' Mario Axiaq li din il-Qorti gia rreferiet ghalihom aktar kmieni f'din

is-sentenza, ma ssib l-ebda raguni ghala Mario Axiaq kellu jigdeb u jghid li l-appellant talbu elfejn lira (LM2000) dak in-nhar ta' hdejn l-Isptar Santa Katerina jekk dan mhux verament talbu meta u lanqas ma ssibx raguni li ma temminx lil Mario Axiaq li l-appellant kien ukoll qallu li wahda min-nisa tqal u li ghalhekk kellu jhallas ghax jaqtalu rasu. Ir-raguni moghtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti dwar il-mottiv ta' Mario Axiaq u cioe' li jibqa jinqeda b'xejn hija fil-fehma ta' din il-Qorti frivola. In oltre' il-mod ta' kif l-appellant gab ruhu meta gie avvicinat mill-Ispettur dak in-nhar hdejn l-Isptar ta' Santa Katerina hija konferma li l-appellant ma kienx sempliciment ghamel pjacir lil Josette Ben Milend meta wassala biex tigbor xi cpiepet minghand xi hadd u lanqas ma temmen li kull ma kien qieghed jghid lil Josette Ben Milend kien "*ejja ghax sarli l-hin.*" u li r-ragel dar fuqu u staqsieh *x'gara, xi trid?* u li l-appellant qallu '*mhux lilek qed inkellem jien. Lil dik.*' Din il-Qorti lanqas ma temmen li l-appellant ma gharafx lill-Ispettur meta gie fuqu u dan stante li l-appellant stess fix-xhieda tieghu ikknferma li l-Ispettur jafu sew u ghalhekk ma kellux ghalxiex ma jgharafx lill-Ispettur meta dan gie fuqu hdejn l-Isptar Santa Katerina. Il-fatt li l-appellant inhasad meta gie fuqu l-Ispettur jikkonferma li dak li kien qieghed jaghmel l-appellant ma kienx legittimu.

L-appellant jissottometti li meta d-difiza talbet li jigi investigat il-mobile phone, dan il-mobile intilef f'idejn l-espert mahtur mill-Qorti u din il-konferma ma setghet tasal qatt. Din il-Qorti dwar dan fl-ewwel lok tqis li huwa deplorabbli li prova bhal mobile phone tintielef waqt li kien ghand l-espert biss pero' tqis ukoll li jekk l-appellant ried iressaq prova li kien hemm persuni li kienu qeghdin jistennewh u li ghalhekk kien mghaggel dak in-nhar hdejn l-Isptar Santa Katerina setgha facilment itellahom bhala xhieda. In oltre' jirrizulta ukoll li l-espert Dr Jackie Scerri minkejja li stqarret li ma setghetx issib dan il-mobile, prezentat ir-rapport taghha immarkat bhala Dok JS fejn nizlet lista ta' l-ahhar ghaxar (10) telefonata maghmul minn u versu l-mobile in kwistjoni u cioe' *incoming* u *outgoing calls*, liema mobile din il-Qorti qieghda tifhem li kien f'idejn l-appellant meta gie elevat. Fil-verbal tas-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) Dr Leslie Cuschieri kien talab li n-numru rizultanti minn Dok JS esebita minn Dr Jackie Scerri bhala 'dialled u received' li jigi determinat fuq min kienu registrati dawn in-numri fis-sena 2001. Il-Qorti kienet

laqghet it-talba u hatret ghal dan l-iskop lil Marrtin Bajada li gie awtorizzat jirtira fotokopja ta' Dok JS ghal dan l-iskop. Minkejja din il-hatra, Martin Bajada baqa ma xehedx f'dawn il-proceduri u lanqas ma prezenta relazzjoni.

Din il-Qorti sejra tqis jekk tirrizultax l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-appellant izda limitatament ghal dak li xehed Mario Axiaq stante li kif gia inghad ma hemmx prova sufficenti li l-appellant kien involut fir-rikatt li setghu soffrew l-allegati vittmi l-ohra. Mario Axiaq kien xehed li'*kif hrigt mill-karozza insib lil din u f'daqqa wahda giet karozza KIA SHUMA u giet hekk magembi nizzel it-tieqa min kien go fiha, **qalli ara x'ser nghidlek b'rasek ha ddur qalli ghax dik tqila u irrid LM2,000***. In kontro ezami fl-istess seduta kien ippreciza li '*Giet il-KIA u nizzel il-hgiega u qalli trid taghtini LM2,000 ghax dik il-qasira hija tqila u b'rasek idur.*' Beza u qallu '*Intihomlok.*' Fil-kontro-ezami maghmul fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) insista li '*Qalli LM2,000, taf x'ghamilt hemm wahda minnhom tqila, LM2,000. Nizzel il-hgiega u ghajjatli minn gol-hgiega. jien dahhalt rasi. Ghax imbghad qal kelma ohra li jien ma naccettahiex*' u cioe' li '*inkella naqtalek rasek.*'

Ghalhekk jirrizulta li Mario Axiaq jallega li l-appellant talbu elfejn lira ghax wahda tqila u li qallu ukoll li inkella jaqtalu rasu. Din fil-fehma tal-Qorti certament li hija theddida, izda din il-Qorti trid tqis jekk dak li sehh hdejn l-Isptar Santa Katerina kienx rikatt *ai termin*i ta' dak li jipprovdi l-artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 250(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta illum jaqra:

'*Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra,jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jewobligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jewtonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jewpersuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati...*'

Filwaqt li meta sehh ir-reat il-ligi il-kliem '*jew taghmel jew tonqos milli taghmel*' ma kienx parti mit-test ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, filwaqt li minflokk il-kliem '*kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuni ohra*' it-test tal-ligi kien jipprovi '*kontra persuna ohra jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh,*'.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca Spettur Frank A. Tabone) Vs Ashraf Elbakry ta' 51 sena iben Mahmoud u Suhad nee' Alfadal, imwieled l-Egittu, nhar it-08 ta' Dicembru 1962, residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta'l-identita' 20113(A)'**[14] gie kkunsidrat:

*'Illi l-legislatur permezz tat-terminologija uzata sabiex issawwar dana ir-reat fassal l-elementi kostituttivi tieghu fejn ghamel distinzjoni bejn l-intenzjoni rikjesta fir-reat tal-estorsjoni ta' flus fejn allura l-malvivent qieghed jaghmel ir-rikatt tieghu ghal skopijiet ta' qliegh jew lucro u dak fejn allura l-intenzjoni tar-rikattatur huwa biex igieghel lill- vittma tieghu taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga. Illi fil-kawza il-Pulizija vs Edgar Apap deciza it-13 ta' April 1957 il-Qorti kienet studjat funditus l-element tal-qliegh bhala bazi ghar-reat tar-rikatt meta qalet:*

*"Il-kelma 'qliegh' fil-materja tirreferixxi ghal xi haga li ghandha valur patrimonjali, u mhux kompriz is-sens ta' dik il-kelma kwalunkwe godiment jew pjacir, jew sodisfazzjon, anki mhux ta' valur patrimonjali. Jekk l-iskop ta'l-agent kien dak ta' sodisfazzjon personali biss sija pure riprovevoli, jonqos l-elment kostituttiv tar-rikatt."*

*Illi, madanakollu, dina d-disposizzjoni tal-ligi kienet giet emendata permezz ta'l-Att numru III tal-2002, fejn dahhlu fis-sehh diversi emendi ghal Kodici Kriminali taghna. Illi bis-sahha ta'dina l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tar-rikattatur ma tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Illi fil-laqgha tal-Kumitat tal- Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi dwar dawn l-emendi l-Onor. Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta'l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Jannar, 2014 (Numru 94/2010)

*"Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bħala att kriminali jekk kien iwassal għal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed nagħmlu r-rikatt se jkun ipprojbit kriminalment għal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bħala att kriminali, anke jekk, per eżempju, ikun hemm theddida ta' inġurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna.*[15] *"*

*Illi ghalhekk bl-emenda introdotta kull persuna li taghmel rikatt fil-konfront ta' persuna ohra u dana sabiex iggieghel lil dik il-persuna taghmel xi haga jew tonqos milli taghmel xi haga hija hatja ta' dana ir-reat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Raymond Aquilina) (Spettur Fabian Fleri) vs Edgar Publius Bonnici Cachia'**[16] gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu skop specifiku: dak li jkun jaf ghalfejn Farrugia temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Jirrizulta ukoll li huwa agixxa bil-mod kif agixxa fil-konfront ta' Farrugia biex jilhaq dan il-ghan.*

*Ill pero l-artikolu 250 fuq kwotat jirrikjedi ukoll li biex l-imputat jilhaq dak l- iskop irid ikun ghamel theddied fil-konfront tal-vittma, u li dan it-theddied ikun li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il- persuna jew persuna oħra.*

*Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li "hedded" bih l-imputat kien li ser jipprezenta ruhu quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku biex jixhed fil-proceduri ta' annullament ta' Farrugia. Hu "hedded" ukoll li ser ikellem li xi persuni "influwenti" fit-Tribunal Ekklesjastiku u anke li ser iwassal biex Farrugia ma tiehux l-annullament. X'kien ser jghid l-imputat lil dawn in-nies, jew x'kien ser jixhed kieku gie accettat bhala xhud quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ma jirrizultax; ghalhekk ma jistax jinghad li huwa kien ser jaghmel xi malafama fil- konfront ta' Farrugia. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien ser jaghmel xi denunzja jew kwerela kontra Farrugia.*

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa mankanti element essenzjali tar-reat in ezami li ghalhekk ma*

[15] Ara laqgha tas-17 ta' Ottubru 2001 (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[16] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-26 ta' Marzu, 2015 (Numru: 219/2011)

*jistax jissussisti.*'

Minn dak li jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Axiaq ghalkemm l-appellant talbu LM2000 ghax qallu li wahda min-nisa kienet tqila u anke heddu li jaqtalu rasu, minn imkien ma jirrizulta li heddu li jaghmel denunzja jew kwerela '*jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh*'[17]. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

It-tieni imputazzjoni taqra '*U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, bil-mezz ta' karta miktuba, hedded lil haddiehor b' xi delitt, u ta ordni jew kundizzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 249(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

Illi kif gia inghad jirrizulta li l-appellant kien hedded lil Mario Axiaq bil-fomm meta qallu li jaqtulu rasu u ta' anke ordni meta talbu LM2000 u ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib htija taht l-artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti izda mhijiex sejra ssib htija taht l-artikolu 249(1) u cioe' meta theddid isir bil-mezz tal-kitba stante li gialadarba x-xhieda ta' Josette Ben Milend u ta' Doris Scerri giet iddikjarata bhala inammissibli, ma hemmx prova sufficenti li n-notamenti mibghuta lil vittmi kienu qeghdin jinkitbu jew jintbaghtu mill-appellant.

It-tielet imputazzjoni taqra ' *U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok, u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) bi hsara ta' diversi persuni;*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs George Debono ta' 49 sena, bin il-mejjet Mario u l- mejta Maria Victoria nee' Zammit imwieled**

[17] Parti mill-artikolu 250(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emendi perezz tal-Att III tal-2002.

**B'Kara fid- 9 ta' Mejju 1959 u joqghod 13, Dar il-Hena, Triq Karm Sammut, B'Kara detentur tal-karta ta' l-identita' numru 330859(M)'**[18] gie kkunsidrat li:

'*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Lulju, 2010 (Numru: 154/2009)

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-*

*ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika,*

*jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente***

***una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del***

***carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."'***

Din il-Qorti terga taghmel referenza ghall-episodju ta' hdejn l-Isptar Santa Katerina, fejn l-appellant kien fi kliem Mario Axiaq '*f'daqqa waha giet karozza KIA SHUMA u giet hekk magembi nizzel it-tieqa min kien go fiha, qalli ara x'ser nghidlek b'rasek ha ddur qalli ghax dik tqila u irrid LM2,000*.' In kontro-ezami kien spjega li l-appellant anke qallu li inkella jaqtalu rasu. Ghalhekk jirrizulta li mhux biss l-appellant qal lil dan Mario Axiaq li wahda min-nisa kienet tqila, izda anke talab LM2,000 u anke heddu li jaqtalu rasu. Fi kliem '*Dan nizzel il-hgiega u qalli ara x'ser nghidlek dik tqila u jien irrid LM2,000 min ghandek u ara kif ser ittihomli qalli LM500*.' Mistoqsi mill-Qorti '*Jigifiieri int kont lest li taghtihomlu l-flus*?' wiegeb '*La qisek tibza.*' Ghalhekk dak li ghamel l-appellant kien kwazi kwazi att teatrali u cioe' meta qal li wahda min nisa kienu tqal u talab LM2000 u dan wara li z-zewg nisa kienu gia qalu lil Mario Axiaq li wahda minnhom kienet tqila. Jirrizulta li Mario Axiaq ma lahaqx ghadda flus lill-appellant u ghalhekk din il-Qorti sejra ssib htija tat-tentattiv ta' dan ir-reat taht l-artikolu 41(1)(a) u cioe' li d-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u incidendenti mill-volonta tal-hati u cioe' li kienu intervjenew il-Pulizija.

Ikkunsidrat;

L-appellant gie ukoll akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni. Ir-raba' imputazzjoni taqra '*U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;*'

Din il-Qorti ma tqis dan ir-reat bhala ippruvat u ghalhekk sejra tilliberah mir-raba' (4) imputazzjonijiet.

L-appellant huwa anke akkuzat talli fl-20 ta' Marzu, 2001, f' H' Attard b' obdix l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom. L-Ispettur Angelo Caruana xehed li '*Rajt il-karozza u kien hemm George u kien jidher li qed jitkellem ma persuna il-persuna l-ohra kienet baxxuta*

*qed tkellmu min-naha l-ohra, jien mort fuqu u ftahtlu l-bieba u ghidtlu George, li hu l-akkuzat,* ***inzel*** *u dak il-hin hares lejha u fl-opinjoni tieghi infixel u beza ta l-gear u hareg gas down.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) L-appellant fix-xhieda tieghu in kontro-ezami mistoqsi jekk inhasadx meta fetah il-bieba wiegeb li iva inhasad u siequ minn fuq il-break marret fuq il-gas u telaq il-clutch. Jghid li l-gear kien diga mdahhal. Ikkonferma li jafu sew lill-Ispettur. Mistoqsi '*Mela issa allura meta ftaht il-bieba, ara tiftakarx, ghidtlek 'all right George'*' jghid li ma jiftakarx dan id-diskors u mistoqsi jekk ma ghajjatlux b'ismu wiegeb li jista jkun iva izda li bil-hasda ma jiftakarx. Mistoqsi '*Ara hux korrett jiena. Filli kont hdejk, ismaghni George, Fi x'hin ftaht il-bieba jiena, ghidtlek al right George, f'dawwa wahda, il-bieba . . . . . idejja, il-karozza li kont fiha inti, ma nafx zelqitx sieqek fuq il-gas jew ma nafx, harget gas down*' qal '*Sewwa*', mistoqsi '*U baqghet sejra gas down sa fejn hemm il-barrier. Imma kont diga ccekjajtha il-barrier, kienet imsakkra, u meta inti ma kellekx minn fejn tahrab, dort u imbghad gejt bil-mod. Fi x'hin inzilt mill-karozza 'ha nkellmek sir*' wiegeb li le. P.S.61 Josef Ciappara u P.S. 1152 Manuel Saliba ghalkemm jirrakontaw b'dak li gara hdejn l-Isptar Santa Katerina fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) huma ma jixhdux dwar dak li l-Ispettur kien qal lill-appellant qabel l-appellant saq. Ghalhekk din il-Qorti trid tqis il-veracita' o meno tax-xhieda tal-Ispettur Angelo Caruana u tal-appellant. Din il-Qorti tippreciza ukoll li ghalkemm dan l-Ispettur xehed li '*Bdejt nisma b'vittmi u jien bdejt inkellimhom lil dawn il-vittmi u dan kienet illi fil-21 ta' Marzu kelli informazzjoni li kien ser isir dan it-tip ta' theddid kien ser jinbeda ma bniedem gdid.*', mill-atti jirrizulta kjarament li dak li sehh hdejn l-Isptar Santa Katerina sehh fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) u ghalhekk fid-data indikati f'din l-imputazzjoni.

Din il-Qorti ma temminx l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellant u cioe' li meta gie mwaqqaf mill-Ispettur, huwa ma gharafx lill-Ispettur, ha qata u saqghajh sabet ruhha fuq il-gas. L-appellant stess xehed li kien jaf lill-Ispettur sew u ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni ghala ma kellux jarfu anke jekk dan kien pajzan. La darba l-appellant gie avvicinat mill-Ispettur u skont ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Angelo Caruana fetah il-bieba u qallu '*inzel*', l-appellant kellu jobdi dan u mhux jsuq. Ghaldaqstant din il-hames (5) imputazzjoni tirrizulta ppruvata.

Ikkunsidrat;

L-appellant kien anke akkuzat bir-recidiva. Jirrizulta li gew ipprezentati zewg sentenzi, wahda moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u disgha u tmenin (1989) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Raymond Vella Gregory) kontra George Xuereb' immarkata bhala Dok AC a fol 141. Jirrizulta li ghalkemm din is-sentenza ma fihiex id-dettalji tal-appellant, id-difiza fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) ezentat lil ufficjal prosekutur '*milli jgib prova ta' identita' tas-sentenzi esebiti*'. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat is-sentenza appelata fejn kien gie kkundannat piena ta' prigunerija ghal sitt xhur u l-ispejjez u cioe' ghoxrin lira u sittin centezmu (LM20.60) inkorsi fil-proceduri.

Id-difiza kienet anke ezentat lil prosekuzzjoni milli tressaq prova tal-identita' tas-sentenza immarkata bhala Dok AC1 a fol 143 et sequitur deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmienja (8) ta' Awissu tas-sena elf, disa' mija u disghin (1990) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spetturi Raymond Vella Gregory u Walter Spiteri) kontra George Xuereb u Carmen Moran'. F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appeell Kriminali kienet ikkonfermat il-piena ta' prigunerija ghal zmien sena. Ghalhekk jirrizulta li il-pieni ta' priguneriji ordnati f'dawn iz-zewg sentenzi gew skontati u ghalhekk l-appellant qieghed jinsab hati li huwa recidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tqis il-piena li ghandha tigi inflitta. Din il-Qorti tqis li t-theddida maghmula mill-appellant versu Mario Axiaq bhala wahda serjissima. Tqis ukoll li Mario Axiaq kien lest li jhallas il-flus sforz tal-biza li hakmitu meta gie mhedded mill-appellant. Tqis ukoll li l-appellant lanqas ma obda meta l-Ispettur avvicinah, fetah il-bieba u qallu biex jinzel. In oltre' din il-Qorti tqis ukoll il-fedina penali tal-appellant hija wahda refrettarja ghall-ahhar, **<u>jirrizulta ukoll mill-fedina penali li anke matul dawn il-proceduri, l-appellant baqa' fil-hajja kriminali u</u>**

**ghalhekk din il-Qorti sejra apparti l-multa, tikkundanna lill-appellant ghal piena karcerarja effettiva**. L-appellant jaghmel referenza ghal fatt li Doris Xerri giet ikkundannata ghal sentejn prigunrija sospiza ghal sentejn. Din il-Qorti izda tqis ukoll li f'dik il-kawza Doris jew Dolores Scerri u Josephine sive Josette Ben Milend kif indikati f'dik is-sentenza ma kienux akkuzati bir-recidiva u ma hemm l-ebda prova li dawn kellhom fedina penali rifrettarja. In oltre' f'dak il-kaz jirrizulta li Doris Scerri u Josephine sive Josette Ben Milend kienu ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Din il-Qorti minn naha l-ohra tqis ukoll li dan il-kaz ilu pendenti ghal kwazi dsatax (19)-il sena, tant li l-imputazzjonijiet jirrisalu ghal ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) u x-xhur ta' qabel. L-Ewwel Qorti ddeciediet is-sentenza kontra l-appellant fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) umbghad l-appell gie appuntat quddiem din il-Qorti **diversament preseduta.** Sussegwentement l-appell gie appuntat **quddiem din il-Qorti kif preseduta ghall-ewwel darba fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019**) u din il-Qorti kienet annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti ftit wara.

In vista tat-trapass twil ta' zmien, din il-Qorti ma baghtitx l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti izda permezz ta' din is-sentenza ghaddiet biex tiddeciedi il-kawza fil-mertu. Jirrizulta li kien hemm numru kbir ta' differimenti quddiem l-Ewwel Qorti kemm minhabba l-prosekuzzjoni, minhabba li l-Avukat tal-appellant ma dehrx u xi drabi anke fuq ordni tal-Qorti tant li l-kawza gie anke differita numru ta' drabi anke wara li ntbaghtet ghas-sentenza. Din il-Qorti tqis li ghandha zzomm dan it-trapass twil ta' zmien quddiem ghajnejha meta tigi biex tinfliggi l-piena gialadarba r-reati sehhew madwar dsatax (19) il-sena ilu, pero ma tistax mill-banda l-ohra tinjora is-serjeta tar-reati li bihom l-appellant jinsab akkuzat, l-antecidenti tieghu lu li fil-mori ta dna l-appell baqa' ghaddej bil-hajja ta kriminalita !

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 249(2), 308, 310, 338(ee), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-appellant hati tat-tieni (2) imputazzjoni taht l-artikolu 249(2) izda tilliberah mir-reat taht l-artikolu 249(1) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssibu ukoll hati tat-tielet (3) limitatament ghat-tentattiv ta' dan ir-reat. Din il-Qorti ssib lill-appellant hati ukoll tal-hames (5) imputazzjoni u anke li l-appellant huwa recediv izda ma ssibux hati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet, u tikkundanna lill-appellant ghal sentejn (2) prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellant kien taht arrest preventiv relatat ma' dawn il-proceduri. Din il-Qorti qieghda tordna ukoll il-hlas ta' multa ta' elf ewro (€1000) li f'kaz li ma tithallas tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti qieghda *ai termini* tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-hati bl-obbligazzjoni tieghu nnifsu, versu l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2,329) ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum ma jivvessax, javvinacina jew idejjaq lil Mario Axiaq u dan *ai termini* tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur